**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 31 ta` Mejju 2018**

**Kawza Nru. 6**
**Rik. Gur. Nru. 55/14 JZM**

**Samchrome FZE socjeta` estera rregistrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE)**

***u***

**b`digriet tat-3 ta` Lulju 2017 zdied il-kliem "kif debitament rapprezentata mill-Avukat Dr Kenneth Grima"**

***kontra***

**KDK Limited qabel Samchrome Limited (C35840)**

***u***

**b`digriet tal-24 ta` April 2014, il-Qorti ordnat li l-Av. Renald Micallef assuma l-patrocinju tal-kumpannija KDK Limited**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat quddiem din il-Qorti **<u>diversament presjeduta fit-22 ta` Jannar 2014</u>** li jaqra :–

*1. Illi s-socjeta` intimata hija debitrici ta` dik attrici fis-somma ta` USD3,772,731.55 (tlett miljuni seba mija u tnejn u sebghin elf, seba` mija u wiehed u tletin punt hamsa u hamsin centezmi) ekwivalenti ghal €2,761,262 ikkalkolat dan l-ammont fuq ir-rata tal-kambju ta` USD1 - €0.7319c liema ammont huwa dovut in forza ta` credit note mahruga favur l-aventi kawza tas-socjeta` rikorrenti minn dik attrici u dana skond il-credit note hawn annessa u mmarkata **dokument B**.*

*2. Illi din il-credit note inharget fit-8 ta` Dicembru 2009 u d-drittijiet fuq l-istess gew assenjati a favur is-socjeta` rikorrenti permezz ta` deed of assignment and settlement iffirmat bejn ArcelorMittal a favur is-socjeta` rikorrenti u datat 7 ta` Mejju 2013 li permezz tieghu d-debitu tal-ammont indikat fil-credit note de quo gie assenjat lis-socjeta` rikorrenti liema ftehim qed jigi hawn anness u mmarkat **dokument A**.*

*3. Illi l-imghaxijiet akkumulati fuq dan l-ammont minn xahar wara mid-data tal-imsemmija credit note u cioe` mit-8 ta` Jannar 2010 sat-8 ta` Jannar 2014 jammontaw ghas-somma ta` USD1,207,274 ekwivalenti ghal €883,604 bir-rata tal-kambju kif hawn fuq mahduma sabiex l-ammont totali dovut lis-socjeta` rikorrenti mis-socjeta` intimata jammonta ghas-somma ta` USD4,980,006 ekwivalenti ghal €3,644,866.*

*4. Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet accettat li thallas dan l-ammont snin ilu baqghet sal-lum ma hallset xejn nonostanti li giet interpellata li hekk taghmel f`diversi okkazjonijiet anke permezz ta` ittri legali fejn lilha ntalab taghmel dan il-hlas baqghat u ghadha sal-lum inadempjenti kollox kif jidher fid-dokumentazzjoni hawn annessa u mmarkata **dokument C, D u E**.*

*5. Illi l-ammont reklamat huwa wiehed cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti dik intimata m`ghandha l-ebda eccezzjoni x`tissolleva ghat-talbiet attrici.*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess u previa d-dispenzjoni tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tghid is-socjeta` intimata ghaliex m`ghandhiex tigi minn din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Ikkundannata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma hawn fuq indikata ta` USD 4,980,006 ekwivalenti ghal €3,644,866 bir-rata tal-kambju USD 1 - €0.7319c, dovuta kif fuq intqal.*

*Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta` Sekwestru numru 112/14 u tal-Mandat ta` Qbid numru 111/14 li qed jigu ntavolati mal-prezentata ta` dan l-att u bl-imghaxijiet ulterjuri mit-8 ta` Jannar 2014 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzzjoni tas-socjeta` intimata ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda, l-elenku ta` dokumenti u d-dikjarazzjoni guramentata.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta` April 2014, wara li rrizulta li *prima facie* l-konvenuta kellha eccezzjonijiet fil-fatt jew fid-dritt x`taghti kontra t-talba attrici, tat lill-konvenuta l-opportunita` li tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata quddiem din il-Qorti **diversament presjeduta fis-27 ta` Marzu 2014** li taqra hekk :–

***I.*** *ILLI, in linea preliminari, r-rikors guramentat promotorju tal-kumpannija attrici huwa irritu u null, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, billi fid-data tal-prezentata, ossija nhar it-22 ta` Jannar 2014, il-kumpannija esponenti kienet gja` fi process ta` stralc - kif jirrizulta minn* ***DOK: KDK1*** *li gie anness man-nota tal-kumpannija esponenti tal-10 ta` Marzu 2014 - u ghalhekk l-istess imsemmi rikors guramentat promotorju kellu jigi pprezentat kontra l-istralcatarja tal-istess kumpannija esponenti ta` dak iz-zmien, ossija kontra Donatella Bondin, fil-kapacita` taghha ta` stralcatarja u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija esponenti, u mhux direttament kontra l-istess kumpannija esponenti;*

***II.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta unikament lill-kumpannija attrici li tressaq prova cara*

*u skond il-ligi li Dr. Kenneth Grima kellu r-rapprezentanza guridika taghha fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promutorju, ossija nhar it-22 ta` Jannar 2014, billi, fin-nuqqas, l-istess rikors guramentat promutorju jigi rez irritu u null, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti jkollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici;*

***III.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti m`hijiex kompetenti u m`ghandhiex gurisdizzjoni, skond, fost ohrajn, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 741 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza, u konsegwentement il-kumpannija esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, u dan kemm ghaliex din il-kawza m`hijiex ta` gurisdizzjoni tal-Qrati ta` Malta, u anke ghaliex kull ftehim vigenti bejn il-kontendenti - inkluz, fost ohrajn, dak gja` esebit man-nota tal-kumpannija esponenti tal-10 ta` Marzu 2014 bhala* ***DOK: KDK2*** *- jghid illi kwalsiasi kwistjoni li tqum bejn l-istess kontendenti ghandha tigi regolata bil-ligi Ingliza, u ghandha tigi determinata permezz ta` proceduri ta` arbitragg gewwa Londra;*

***IV.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici kif dedotti, in kwantu bbazati fuq il-ftehim, ossija Deed of Assignment and Settlement tas-7 ta` Mejju 2013, esebit bhala DOK: A mar-rikors guramentat promutorju, huma intempestivi, u ghalhekk insostenibbli fil-konfront tal-kumpannija esponenti, billi l-istess kumpannija esponenti qatt ma giet mgharrfa, permezz ta` att gudizzjarju, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta), bic-cessjoni ta` kreditu meritu tal-istess imsemmi ftehim, qabel ma l-kumpannija attrici ezercitat il-jeddijiet lilha allegatament ceduti permezz tal-istess ftehim, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha taghddi sabiex tichad l-istess talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici;*

***V.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpannija attrici m`ghandhiex l-interess guridiku rikjest mill-ligi sabiex tressaq it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat promutorju taghha, billi, fost ohrajn, kwalsiasi obbligu ta` hlas li seta` qatt allegatament kellha l-kumpannija esponenti dwar il-kreditu pretiz fl-istess talbiet attrici, gja` gie assenjat lill-kumpannija attrici stess permezz ta` ftehim, ossija Cession and Assignment Agreement tad-9 t`Awwissu 2009 - gja` esebit bhala* ***DOK: KDK2*** *man-nota tal-kumpannja esponenti tal-10 ta` Marzu 2014 - li gie ffirmat bejn il-kontendenti, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex tichad l-istess talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici;*

***VI.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma tardivi, u konsegwentement jimmeritaw illi jigu michudha, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, billi skond fethim milhuq bejn il-kontendenti, ossija Business Sale Agreement tal-20 ta` Lulju 2009, il-kumpannija esponenti, bhala l-venditrici fuq l-istess ftehim, ma kellhiex tibqa` responsabbli ghal kwalsiasi pretensjoni eventwali tal-kumpannija attrici, bhala l-kumpratrici fuq l-istess ftehim, wara d-dekors ta` sentejn mill-iffirmar tal-istess ftehim, jekk kemm il-darba l-istess kumpannija esponenti ma tkunx inghatat, mill-kumpannija attrici, avviz bil-miktub dwar tali pretensjoni, liema avviz, f`dan il-kaz, ma inghatax f`dan it-terminu hekk stabbilit mill-kontendenti;*

***VII.*** *ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici, in kwantu bbazati fuq dik li l-kumpannija attrici ssejjah bhala credit note, esebita bhala DOK: B mar-rikors guramentat promutorju, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement jimmeritaw illi jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, billi l-kumpannija esponenti qatt ma pprovdiet u / jew approvat din l-allegata credit note, tant illi l-kopja esebita mill-kumpannija attrici mar-rikors guramentat promutorju taghha lanqas ma fiha l-firma ta` rapprezentant, debitament awtorizzat, tal-kumpannija esponenti, kif rikjest mill-ligi;*

***VIII.*** *ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta unikament lill-kumpannija attrici illi tressaq prova cara u skond il-ligi tal-kreditu minnha allegat, tal-valur tal-istess kreditu, u tal-obbligu tal-kumpannija esponenti li thallas l-istess, u dan, fost ohrajn, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

***IX.*** *ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu michudha, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, billi l-kumpannija esponenti m`hijiex debitrici tal-istess kumpannija attrici kif allegat fir-rikors guramentat promutorju taghha;*

***X.*** *ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement jimmeritaw illi jigu michudha, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*XI.* *SALV risposti ulterjuri permessi mill-ligi;*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

**Rat li l-ewwel eccezzjoni preliminari kienet ritirata b`nota pprezentata tat-30 ta` Gunju 2015 ( a fol 547 tal-process).**

**Rat li l-kawza ghaddiet biex tkompli tinstema` minn din il-Qorti kif presjeduta b`digriet tat-12 ta` Ottubru 2016.**

Rat il-provi.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II, Xiehda

Kienet prezentata x-xiehda bl-affidavit ta` **Stephen Brown** - Direttur Manigerjali ta` Samchrome FZE ("**l-attrici**").

Xehed illi l-attrici taghmel negozju fi prodotti tal-*ferrochrome* u tagixxi principalment bhala distributur ta` Samancor Chrome (PTY) Limited ta` l-Afrika ta` Isfel.

Qal illi qabel huwa kien jahdem fil-qasam tal-*copper* u *cobalt sales* ma` Comit Resources FZE, li hija kumpannija li tappartjeni lil International Mineral Resources BV.

Qabel ukoll kien jahdem fil-qasam tal-*marketing* u *sales* ta` BHP Biliton Marketing BV (Netherlands), sussidjarja ta` BHP Biliton Marketing AG.

Xehed illi fil-25 ta` Gunju 2003, Samancor AG u Arcelor Purchasing ghamlu ftehim ossija *Ferrochrome Supply Agreement* effettiv mill-1 ta` Lulju 2002.

Spjega li dak iz-zmien, Samancor AG kienet kumpannija tal-BHP Biliton Group, li kienet azzjonista ta` Samancor Chrome (PTY) Limited.

Arcelor Purchasing kienet il-*purchasing department* ta` Arcelor SA.

Samancor AG kellha tipprovdi *ferrochrome material* lill- Grupp Arcelor SA.

Il-prezz kien karatterizzat b`rohs skont fatturi maqbula bejn il-partijiet.

Kien miftiehem li fl-ahhar tas-sena li tispicca kull 30 ta` Gunju, it-total tal-bejgh ta` Arcelor Purchasing kellu jinghadd ; fil-kaz illi jintlahaq certu ammont, Arcelor kienet ser tkun intitolata ghal riduzzjoni fil-prezz li kellu jithallas.

Xehed illi fl-2005, Samancor kienet akkwistata minn konsorzju maghmul minn Kermas Ltd u International Mineral Resources BV.

Kompla jixhed illi Kermas Limited hija kontrollata minn Danko Koncar ("**Koncar**") li kien jikkontrolla lil KDK Limited ("**KDK**").

Qal li meta Kermas akkwistat lil Samancor, hija nnegozjat dwar *ferrochrome* ma` BHP Biliton Marketing AG ta` Switzerland skont Chrome Products Marketing Agency Agreement datat 6 ta` Frar 2005.

Imbaghad f`Mejju 2005, b`Deed of Adherence, Samchrome Ltd li wara bidlet l-isem ghal KDK saret parti mill-Marketing Agency Agreement.

Spjega li l-ghan ta` dawn il-kuntratti kien li mal-akkwist ta` Samancor Chrome (PTY) Limited, Koncar ittrasferixxa d-distribuzzjoni ta` *ferrochrome* fabbrikat minn Samancor Chrome (PTY) Limited lil Samchrome Ltd ta` Malta (illum KDK). Din imbaghad inkarigat lil BHP Biliton Marketing AG bhala *sales agent* taghha. F`BHP Biliton Marketing BV, Kurt Maske kien il-Vice President – Stainless Steel Material Marketing, waqt li Rinie van Iwaarden kien il-Marketing Manager.

Fisser illi l-Ferrochrome Supply Agreement ma` Arcelor Purchasing gie trasferit minn Samancor AG ghal Samchrome Ltd (illum KDK) izda s-*sales* u *sales administration* ittiehed kollu minn BHP Biliton Marketing AG in linea ma` *sales agency agreement.*

Fit-30 ta` Ottubru 2005, Samancor AG, Samchrome Ltd (illum KDK) u Arcelor Purchasing dahlu fi ftehim ghal novazzjoni, emenda u estenzjoni tal-ftehim originali tal-ferrochrome supplu agreement. L-effett kien illi saret novazzjoni tad-drittijiet u obbligi ta` Samancor AG a favur ta` Samchrome Ltd (illum KDK) mentri l-validita` tal-ftehim kienet estiza sat-30 ta` Gunju 2008.

Qal li wara dan il-ftehim, KDK issuppliet prodotti tal-*chrome* lil Arcelor Purchasing.

F`Gunju 2006, kien hemm *take over* ta` Arcelor SA minn Mittal Steel u kienet kostitwita ArcelorMittal mentri Arcelor Purchasing saret ArcelorMittal Sourcing.

Minkejja dan l-izvilupp, il-bejgh ta` *ferrochrome* minn Samchrome Ltd (illum KDK) baqa` ghaddej abbazi ta` l-istess ftehim.

In-negozju kien isir billi ArcelorMittal Sourcing SCA thallas fix-xahar ghal *ferrochrome products* ikkonsenjati minn KDK. Fil-kaz li jintlahqu t-*targets,* ArcelorMittal Sourcing SCA ienet intitolata ghal *rebates* minn KDK. Solitament, dawn ir-*rebates* kienu jigu pacjuti ma` ammonti dovuti minn ArcelorMittal Sourcing SCA ghax-xiri ta` prodotti godda.

Kompla jixhed illi f`Gunju 2008, minkejja li kien skada z-zmien ghall-validita` tal-*Ferrochrome Supply Agreement* skada, KDK u ArcelorMittal Sourcing SCA baqghu jaghmlu negozju skont il-klawsola 3.2 ta` l-istess ftehim. Kollox baqa` miexi l-istess ; ghalhekk id-data li kien imiss li ssir *rebate* kienet it-30 ta` Gunju 2009.

Stqarr illi fl-2009, Kermas u IMR kellhom disgwid dwar l-operazzjoni ta` Samancor. Ghalhekk f`Lulju 2009, Kermas bieghet l-ishma taghha go Samancor lil IMR. Kien miftiehem li Kermas u IMR jiffurmaw kumpannija gdida registrata gewwa Dubai ossija Samchrome FZE. Fil-bidu kienet kostitwita bhala Samchrome FZCO izda in segwitu saret Samchrome FZE wara li Kermas ittrasferiet l-ishma taghha u ghalhekk saret mija fil-mija sussidjarja ta` IMR.

Sar ukoll *shareholders agreement* datat 20 ta` Lulju 2009 bejn IMR u Kermas dwar l-operazzjoni ta` Samchrome FZCO (illum Samchrome FZE). Sanchrome Ltd (illum KDK) kellha tbiegh in-negozju taghha ta` distribuzzjoni ta` *ferrochrome* ta` Samancor Chrome (PTY) Ltd lil Samchrome FZCO (illum Samchrome FZE) mentri Kermas kellha tbiegh l-ishma taghha go Samchrome FZCO (illum Samchrome FZE) lil IMR.

Ippreciza li l-klawsola 5.11 tas-*shareholders agreement* kien jipprovdi li kull ftehim u kuntratti ta` Samchrome FZCO (illum Samchrome FZE) kellhom bzonn il-firma ta` l-"A" *director* u ta` l-"B" *director* li kienu rapprezentanti rispettivi ta` Kermas u IMR rispettivament.

Kompla jghid illi Samchrome FZCO (illum Samchrome FZE) akkwistat in-negozju ta` KDK permezz ta` *business sale agreement* b`effett mill-1 ta` Lulju 2009 ; ghalhekk bdiet tissupplixxi lil ArcelorMittal Sourcing SCA. Skont klawsola 4.1, kienu eskluzi kwalunkwe djun tan-negozju ta` KDK qabel l-1 ta` Lulju 2009, liema djun kellhom jibqghu r-responsabbilita` ta` KDK.

Xehed li fil-5 ta` Awissu 2009, ad insaputa ta` IMR, sar *cession and assignment agreement* minn Danko Koncar ghan-nom ta` KDK u anke ghan-nom ta` Samchrome FZE.

Qal illi bi vjolazzjoni tal-klawsola 5.11 ta` s-*shareholders agreement* u klawsola 4.1 tal-*business sale agreement,* sar tentattiv sabiex ikun hemm

trasferiment b`effett mill-1 ta` Lulju 2009 tal-piz kollu tal-*ferrochrome supply agreement* fuq Samchrome FZCO (illum Samchrome FZE).

Kompla jghid illi IMR u Samchrome FZE saru jafu b`dan il-ftehim f`Ottubru 2010.

Sahaq li l-ftehim ma kellux ikollu effett bil-konsegwenza li l-pizijiet u djun ta` KDK kellhom jibqghu ta` KDK.

Inoltre l-ftehim dwar *cessation and assignment* qatt ma kien iffirmat minn ArcelorMittal Sourcing SCA.

Xehed illi fil-5 ta` Awissu 2009, is-*sales agency agreement* bejn KDK u BHP Billiton Marketing AG kien trasferit minn Koncar lil Samchrome FZCO (illum Samchrome FZE). It-trasferiment kien iffirmat mill-"B" *directors* ta` Samchrome FZE, ghalkemm ma jiftakarx li qatt ra kopja ta` l-ftehim. F`Lulju 2009, saru laqghat ma` Kurt Maske ta` BHP Billiton u kien car li ebda djun ta` Samchrome Ltd (illum KDK) ma kienu ser jigu trasferiti ghal Samchrome FZCO (illum Samchrome FZE).

Kompla jixhed illi f`Novembru 2009, il-bejgh ta` l-ishma li Kermas kellha go Samchrome FZCO (illum Samchrome FZE) lil IMR kien kompletat, u b`ittra tal-4 ta` Novembru 2009, Koncar irrizenja minn direttur ta` Samchrome FZCO u ma kellu l-ebda pretensjonijiet pendenti fir-rigward ta` Samchrome FZCO. Wara li din hadet in-negozju minghand Samchrome Ltd (illum KDK), baqghet taghmel negozju ma` ArcelorMittal Purchasing bhal qabel, waqt li BHP Billiton Marketing AG baqghet tagixxi bhala *sales agent* ta` Samchrome FZE.

Stqarr illi fil-31 ta` Awissu 2010, Anne de Vries minn BHP Biliton baghtet email li kienet irceviet minghand Regis Leroux ta` ArcelorMittal bi prospett dwar *rebate debit entry* ghal US$ 3,772,731.55. Irrizulta li Arcelor Mittal Purchasing kienet naqset dik is-somma minn invoice li kienet dovuta minnha. L-email intbaghtet lil Manish Agrawal li kien talab rendikont dettaljat dwar dak il-kont. Sakemm waslet din l-email, ma kienx jaf bil-kwistjoni.

Kompla stqarr illi huwa tkellem ma` Kurt Maske li kien il-Vici President u *Marketing Manager - Stainless Steel Material* – ta` BH Billiton.

Dan insista li ArcelorMittal Purchasing kienet intitolata ghal *rebate* ta` US $3.7 *million* li kien dovut bhala *volume rebate* ghal *ferrochrome* li kien inbiegh minn Samchrome Ltd (illum KDK ) sat-30 ta` Gunju 2009. Billi KDK ma kenitx hallset lil ArcelorMittal Purchasing, dawn naqsu dak dovut lilhom. Fl-1 ta` Settembru 2010, saru diskussjonijiet dwar dan ir-*rebate* bejn ArcelorMittal Purchasing u BHP Biliton.

Qal li fid-9 ta` Settembru 2010, huwa talab lil Kurt Maske biex jibghat id-dettalji tar-*rebate* u t-tnaqqis li sar. Fl-10 ta` Settembru 2010, Maske baghat *email* b`din l-informazzjoni. Saret talab laqgha ma` Landuydt ta` ArcellorMittal Purchasing fejn kien nfurmat li Samchrome Ltd kienet bidlet isimha ghal KDK Ltd. Maske kkonferma ma` Landuydt li fl-2009 *rebate* ta` US $3,772,731.55 kien tnizzel fil-kontijiet ta` Samchrome Ltd (illum KDK).

Kompla jghid illi mid-diskussjonijiet li kellu ma` Maske irrizulta li ArcelorMittal Purchasing kienet intitolata ghal *rebate* ta` US$ 3,772,731.55 minghand KDK ghall-bejgh li sar sat-30 ta` Gunju 2009. L-iskont kien dovut minhabba klawsola 7.3 tal-*Ferrochrome Supply Agreement*. L-ammont ta` l-skont kien giet miftiehem bejn ArcelorMittal Purchasing, BHP Billiton u KDK. Harget *credit note* ghal US$ 3,772,731.55 favur ta` ArcelorMittal Purchasing.

Spjega li f`Gunju 2010, ArcelorMittal Purchasing talbet lil BHP Billiton biex tikkonferma l-bilanc tal-kont li kellha ma` KDK ghall-finijiet ta` awditjar. Fil-15 ta` Lulju 2010, William Blundel ghal KDK ta l-informazzjoni lil Anne de Vries li kienet l-*accountant* ta` BHP Billiton. Dan ikkonferma li sal-31 ta` Marzu 2010, is-somma ta` USD $3,772,731.55 kienet dovuta minn KDK lil ArcelorMittal Purchasing.

Kompla spjega illi bejn Lulju u Awissu 2010, Landuydt kien qed jitlob lil Maske biex jikseb il-pagament ta` r-*rebate* minghand KDK, izda dan il-hlas baqa` qatt ma wasal kif qatt ma wasal il-pagament dovut minghand KDK Ltd. Dan kollu wassal lil ArcelorMittal Purchasing sabiex f`Awissu 2010 tnaqqas is-somma ta` US$3,772,731.55 mill-ammonti dovuti lil Samchrome FZE, minkejja li kienet ir-responsabbilita` ta` KDK li taghmel dak il-pagament.

Qal li fis-6 ta` Ottubru 2011, intbaghtet ittra lil KDK fejn din kienet interpellata thallas ir-*rebate.* KDK wiegbet b`ittra tat-2 ta` Novembru 2011 fejn inghad li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li r-*rebate* huwa dovut izda kien hemm rikjesta ghal aktar dokumenti biex isostnu t-talba.

Kompla jghid illi fit-22 ta` Dicembru 2011, Samchrome FZE wiegbet ghall-ittra ta` KDK tat-2 ta` Novembru 2011 billi nsistiet fuq il-pagament. Jaf illi saret laqgha fil-21 ta` Frar 2010 bejn ArcelorMittal Purchasing (li ntant kien sar jisimha Aperam) u Koncar ghal KDK. Fil-laqgha Koncar kien ippropona li jkun hemm riduzzjoni ta` US $930,000 minn dak pretiz minn ArcelorMittal Purchasing, bil-pagament ta` dik il-figura ssir minn KDK lil ArcelorMittal Purchasing u l-bqija tithallass minn Samchrome FZE. Il-proposta kienet respinta. Kien ghalhekk li saret *credit note* ghal-ammont ta`` US$3,772,731.55 skont ftehim tas-7 ta` Mejju 2013. KDK kienet notifikata b`dan kollu izda baqghet ma hellaset xejn.

Stqarr illi Samchrome FZE qatt ma kienet firmatarja jew parti mill-*Ferrochrome Supply Agreement.*

Qal li huwa sar jaf li fl-14 ta` Jannar 2014, Koncar ghal KDK iddikjara lir-Registratur tal-Kumpanniji li l-kumpannija ghandha l-mezzi finanzjarji biex thallas id-djun taghha fi zmien 12-il xahar mix-xoljiment taghha liema xoljiment sehh fil-31 ta` Dicembru 2013, nonostante l-*credit note* ta` US $3,772,731.55c.

Iddikjara li sal-ahhar tal-2013 KDK tnezzghet mill-assi taghha. Ghalhekk il-pretensjoni ta` Samchrome FZE ma tistax tigi sodisfatta.

Fil-**kontroezami,** xehed illi f`Lulju 2009, Samchrome FZE akkwistat lil KDK Limited. Qabel Lulju 2009, BHP Billiton kienet l-agent ta` KDK. Kien ghalhekk li l-kumpannija giet fil-pussess ta` diversi dokumenti li kienu esebiti fil-kors tal-kawza.

Stqarr illi l-ftehim bejn l-azzjonisti huwa regolat bil-ligi Ingliza u jinkludi klawsola arbitrali. Il-klawsola tinsab ukoll fil-*business sale agreement* datat 20 ta` Lulju 2009.

Sahaq illi huwa ma kienx involut fil-ftehim li sar bejn Samchrome Limited (illum KDK) u Samchrome FZE.

Spjega li d-dizgwid beda meta ArcelorMittall Purchasing lmenta li KDK ma kinitx hallset ir-*rebate.* Huma saru jafu b`dan l-ilment fil-31 ta` Awissu 2010.

Qal li r-responsabilita` li thallas ir-*rebate* kienet ta` KDK.

Ikkontesta li t-trasferiment ta` *liabilities* li sar qabel Lulju 2009 huwa wiehed validu.

Ikkonferma li d-dokument ta` *cessation* kien iffirmat minn Koncar ghan-nom ta` KDK u Samchrome.

Sostna li dak il-ftehim suppost kien iffirmat minnu wkoll izda kollox sar ad insaputa tieghu.

Stqarr illi Samchrome FZE ma haditx azzjoni ghal dikjarazzjoni ta` nullita` ta` dan ic-*cessation agreement.*

Qal illi Koncar thallas is-somma ta` US$ 1 miljun in vista tas-*shareholders` agreement* bejn Kermas u IMR.

Spjega li BHP kienet iddikjarat illi l-*credit note* favur ta` ArcelorMittal Purchasing dwar ir-*rebate* kienet valida. Anke fil-fehma taghhom, kienet valida.

Qal li f`Settembru 2010 kien terminat l-*agency agreement* ma` BHP. Kien hemm tliet xhur zmien fejn BHP kienet qeghda tagixxi kemm fuq ordnijiet ta` KDK u fuq ordnijiet ta` Samchrome FZE.

Ikkonferma li l-*credit note* mhijiex iffirmata. Hija prassi fl-industrija taghhom li hafna mid-dokumenti nkluz *invoices* jintbaghtu b`*email.* Meta harget il-*credit note,* BHP kienet qed tagixxi bhala *agent* kemm tas-socjeta` attrici kif ukoll ta` KDK. Kien William Blundel li dahhal il-*credit note* fil-kotba finanzjarji ta` KDK. Ma jafx jekk Koncar qattx approva l-*credit note.*

Kompla jghid li Patrick Billion kien impjegat bhala accountant ma` KDK. Maske kien jahdem ma` BHP Billiton. Ma jafx jekk ArcelorMittal qattx hadet azzjoni legali kontra KDK.

Kienet prezentata x-xiehda bl-affidavit ta` **Manish Agrawal** – Chief Financial Officer tal-attrici minn Frar 2013 u General Manager minn Lulju 2009. Bejn 2006 u Lulju 2009, kien impjegat minn IMR Group bhala General Manager ta` Comit Resources FZE u ta` Cunnico Marketing FZE fid-divizjoni tan-negozju tan-*nickel, copper* u *cobalt.* Qabel l-2006, kien jahdem ma` Bridgestone India Private Ltd.

Huwa kkonferma l-kontenut ta` l-affidavit ta` Stephen Brown.

Stqarr illi meta Samchrome FZCO (illum l-attrici) hadet in-negozju minn Samchrome Ltd (illum KDK), baqghet tinnegozja ma` ArcelorMittal Purchasing fuq l-istess bazi bhalma kienet taghmel KDK. BHP Billiton Marketing AG kompliet tagixxi (bhalma kienet taghmel) bhala *sales agent* tal-attrici. Il-bejgh kien jinvolvi ftehim annwali b`*rebates* li kienet taqla` ArcelorMittal Purchasing. Is-sena kienet taghlaq fit-30 ta` Gunju.

Ir-*rebates* kienu jiddependu fuq il-kwantitajiet mixtrija. Fl-ewwel sena, ArcelorMittal Purchasing ma lahqitx it-*targets* u ghalhekk ma thallsux *rebates.*

Xehed li fil-31 ta` Awissu 2010, Anne de Vries ta` BHP Biliton baghtet email li kienet waqslet ghandha minghand Regis Leroux ta` ArcelorMittal Purchasing b`rendikont dwar *rebate debit entry* ghall-ammont ta` US$ 3,772,731.55. Irrizulta li ArcelorMittal Purchasing kienet naqset dik is-somma minn *invoice* li kellha thallas. Qal illi huwa ma kienx jaf li kien hemm *rebates* li kienu ghadhom dovuti minn KDK ghal perijodi qabel Samchrome FZCO (illum l-attrici) hadet in-negozju. Huwa ghalhekk tkellem ma` Anne De Vries u kien referut ghal Kurt Maske li kien Vice President u Marketing Manager - Stainless Steel Material Marketing - BHP Billiton. Huwa baghat email lil Vries biex jinghata rendikont dettaljat dwar ir-*rebate.* Innota li ArcelorMittal Purchasing hallset biss US$ 437,690 fil-31 ta` Awissu 2010 kontra somma dovuta ta` US$ 2,763,699, izda in segwitu sar hlas ta` US$1,944024.26 fit-8 ta` Settembru 2010 u US$ 381,984.55 fil-15 ta` Settembru 2010 sabiex b`hekk li kien fadal x`jithallas kienu US$3,772,731 li huwa r-*rebate.* Kellem lil Stephen Brown li lanqas ma kien jaf bil-kwistjoni ta` r-*rebate.* Jaf illi Brown tkellem ma` Maske. Hareg illi ArcelorMittal

Purchasing naqset mill-kontijiet dovuti ir-*rebate* ta` US$ 3,772,731.55 ghaliex Samchrome Ltd (illum KDK) ma kenitx hallset.

Kompla jixhed illi fl-1 ta` Settembru 2010, kien hemm diskussjonijiet dwar dan ir-*rebate* bejn ArcelorMittal Purchasing u BHP Biliton. Spjega li Brown ha f`idejh li jsolvi din il-kwistjoni. Huwa ra l-emails skambjati mnejn jirrizulta illi : (i) BHP Biliton, l-agent ta` Samchrome Ltd (illum KDK) kkonfermat li kien hemm *rebate* u pagament dovut lil ArcelorMittal ; (ii) Patrick Biliton u William Blundell ta` Samchrome Ltd (illum KDK) kkonfermaw li kien hemm *rebate* u pagament dovut lil ArcelorMittal ; u (iii) ArcelorMittal ikkonfermat li kienet dovuta *rebate* u pagament minn Samchrome Ltd (illum KDK).

Baqghet ma nstabet ebda soluzzjoni ma` KDK ghaliex din ma hallsitx lil ArcelorMittal Purchasing (li imbaghad saret Aperam Sourcing) u din irrifjutat li thallas lura l-flus li kienu tnaqqsu lilhom. Billi ArcelorMittal Purchasing kienet klijent tajjeb taghhom, kien deciz li jixtru b`assenjazzjoni r-*rebate* ta` US $3,772,731.55 dovut minn KDK lil ArcelorMittal Purchasing ossija sar tnaqqis ta` US$ 3,772,731.55 kontra l-flus dovuti lilhom. Saret skrittura datata 7 ta` Mejju 2013. KDK baqghet tirrifjuta li thallas din is-somma ta` US$3,772,731.55.

Fil-**kontroezami**, huwa xehed li huwa ma kienx jaf lil Koncar personalment.

Qal li ArcelorMittal Purchasing suppost kellha thallas US$ 6 miljun izda spicca hallset US$ 400,000.

Qal li huwa kien jaf li in vista tal-*business sale agreement* iffirmat fl-2009, l-attrici kienet hadet in-negozju minghand KDK.

Spjega li l-agent ircieva pagamenti ghan-nom tal-attrici. Huwa ra l-korrispondenza mnejn irrizulta li l-pretensjoni ta` ArcelorMittal Purchasing ghar-*rebate* kienet gustifikata.

Qal li kienet prattika normali illi *credit note* ma tkunx iffirmata.

Insista li peress li KDK topera minn Malta, il-kawza saret Malta. Insista li l-klawsola arbitrali u dik dwar il-*governing law* ma tapplikax.

Qal li l-attrici ma haditx passi kontra ArcelorMittal Purchasing ghaliex ma riditx titlef dan il-klijent.

Qal ukoll illi l-*invoices* mibghuta minn BHP qatt ma kienu jkunu ffirmati.

**<u>Dr. Kurt Maske</u>** xehed illi huwa okkupa l-kariga ta` Vice-President Stainless Steel Marketing sal-31 ta` Jannar 2011 ma` BHP Billiton BV li hija kumpannija Svizzera li topera ghal BHP Billiton Marketing AG (`**<u>BHP</u>**`). Qal li BHP kienet agent ta` KDK bejn is-6 ta` Frar 2005 u l-5 ta` Awissu 2009 sakemm il-ftehim tra` agenzija kien trasferit lill-attrici.

Qal li Dok KM1 huwa *cession and assignment agreement* li permezz tieghu l-ftehim ta` agenzija ta` bejn BHP u KDK kien assenjat lill-attrici. Dok KM 2 huwa *cession and assignment agreement* li rrenda effettiv il-*business sale agreement* bejn KDK u l-attrici. Iz-zewg kuntratti kienu ffirmati fil-5 ta` Awissu 2009 minn Koncar. Qabel kienu ffirmati, id-dokumenti kienu gew iccirkolati bejn il-partijiet kollha.

Xehed li fl-10 ta` Awissu 2009, saret laqgha ma` Brown fl-ufficini ta` BHP fejnkien wera kopji ffirmati ta` z-zewg kuntratti. Brown accetta dawn l-iskritturi ghan-nom ta` l-attrici, u talbu biex tinghata prijorita` li jiksbu l-firem fuq is-*cession and assignment obligations* minn KDK ghal fuq l-attrici. Brown ma qajjem l-ebda ilment dwar kif kienu gew ezegwiti z-zewg ftehim. BHP kienet agixxiet bhala agent ta` l-attrici ghal diversi xhur skont kif patwit fid-Dok KM1. BHP waqfet tagixxi bhala agent ta` KDK mill-5 ta` Awissu 2009.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, qal li huwa jaf li Koncar xtara l-assi tal-*ferrochome* minghand BHP. In segwitu BHP kienet appuntata bhala agent. Qal li huwa ma kellux x`jaqsam mal-bejgh tan-negozju ta` Samchrome Limited lill-attrici. Jaf li kien hemm ftehim bejn Samchrome u ArcelerMittal. Huwa qatt ma kellu x`jaqsam ma` *credit notes*.

Spjega li huwa ma kienx il-firmatarju ghal BHP fuq l-iskritturi. Qal li huwa ma ra li hemm xejn hazin li Koncar jiffirma ghal Samchrome FZCO u Samchrome Limited. Qal li huwa qatt ra ftehim bejn Kermas u IMR BV.

Ighid illi huwa ma kellux x`jaqsam mal-*business agreement* bejn Samchrome Limited u Samchrome FZE u mal-ftehim ta` bejgh ta` ishma bejn Samchrome u KDK. Huwa spicca jahdem ma` BHP fi Frar 2011. Imbaghad sar konsulent ta` Koncar ghalkemm ma tax servizz lil KDK.

Fisser illi meta huwa kien jahdem ma` BHP, sar jaf li Brown kellu xi pendenza ma` Koncar dwar *rebate*. Dan sehh xi sitt xhur wara l-*assignment agreement*. Huwa nvolva ruhu bhala agent ta` Samchrome FZE meta tkellem ma` Brown u ma` Manish. Dawn kien sahqu mieghu illi jekk hemm flus dovuti, dawn huma responsabilita` ta` Samchrome Limited. Minn hemm ma ndahalx aktar fil-kwistjoni.

**<u>Danko Koncar</u>** xehed illi huwa direttur ta` KDK. Ilu direttur sa mill-15 ta` Marzu 2005. Sal-ahhar tal-2009 huwa kien id-direttur Manigerjali.

Ikkontesta x-xiehda ta` Stephen Brown u Manish Agrawal.

Pero` ghall-mument illimita ruhu ghall-eccezzjonijiet preliminari u xehed dwarhom.

In partikolari dwar ir-raba` eccezzjoni, xehed illi KDK qatt ma kienet notifikata b`att gudizzjarju dwar it-trasferiment ta` l-kreditu minn ArcelorMittal Sourcing ghall-attrici. Inoltre ArcelorMittal Sourcing qatt ma talbet ebda pagament minghand KDK. L-istess KDK ma kinitx involuta fin-negozjati bejn ArcelorMittal u l-attrici.

Riferibbilment ghall-hames eccezzjoni, stqarr illi s-*cession and assignment agreeement* kien iffirmat in konnessjoni ma` *business sale agreement* li kien sar meta KDK ittrasferit in-negozju lill-attrici. Iz-zewg ftehim kienu jistabilixxu li Samchrome kienet qed takkwista n-negozju ta` KDK, inkluz l-assi u l-*liabilities*. F`kaz li jigu ppruvat li l-pretensjoni ta` Samchrome hija gustifikata, Samchrome xorta wahda ma ghandhiex dritt titlob il-pagament minghand KDK, ghaliex l-obbligu ghall-hlas hija *liability* li giet trasferita lil Samchrome in vista ta` *cession and assignment agreement* u *business sale agreement*.

Kompla jixhed illi Samchrome qatt ma kkontestat legalment is-*cession and assignment agreement* ; dan ghadu validu.

Qal illi Samchrome kienet konsapevoli ta` l-ezistenza ta` *cession and assignment agreement.* Ma` dan kienu ffirmati kuntratti ohra. Kienu kollha verbalment approvati u abbozzati minn avukat go Singapore u tqassmu lill-partijiet interessati qabel kienu ffirmati. Bil-bejgh tan-negozju ta` KDK lill-attrici kienu trasferiti kemm l-assi kif ukoll il-*liabilities.*.

Dwar is-sitt eccezzjoni, jixhed illi l-attrici kienet tardiva meta ghamlet il-kawza tal-lum billi skont il-*business sale agreement* datat 20 ta` Lulju 2009, Samchrome setghet tressaq pretensjonijiet kontra KDK fi zmien sentejn biss. Irrefera ghal klawsola 7.5. Bil-frazi *business days* il-firmatarji qatt ma kellhom l-intenzjoni li l-Qrati Maltin jkollhom gurisdizzjoni. KDK saret taf b`din il-pretensjoni ta` Samchrome ferm wara t-trapass tas-sentejn imsemmija fil-*business sale agreement.* KDK tpoggiet in likwidazzjoni ferm wara t-trapass ta` s-sentejn.

Stqarr illi peress illi n-negozju kien jinvolvi ammonti kbar ta` flus, huwa biss kien awtorizzat japprova t-transazzjonijiet. Huwa qatt ma approva ebda hlas ta` l-ammonti pretizi minn Samchrome. Il-*credit note* mhijiex approvata minnu. Il-korrispondenza ezebita ma kinitx tinkludi lilu. BHP bhala agenti ta` KDK qatt ma kienu awtorizzati jirrilaxxjaw il-*credit note.* BHP lanqas ma baqghu agenti ta` KDK mit-8 ta` Dicembru 2009. Fil-5 ta` Awissu 2009, kien iffirmat il-*chrome products marketing agency agreement.*

Fil-**<u>kontroezami,</u>** stqarr illi kien ilu fin-negozju tal-*ferrochrome* ghal aktar minn ghoxrin sena.

Fisser illi fl-2005, Kermas xtrat Samchrome filwaqt li l-agenti kienu BH.

Ikkonferma li jaf sewwa lil Patrick Billiton, Blundell u Greyson.

Sahaq illi huwa qatt ma awtorizza lil hadd biex jitkellem fuq ismu.

KDK qatt ma kellha problemi ma` Samchrome u ma` Arcelor.

Stqarr illi sar jaf ghall-ewwel darba bid-dokument a fol 10 ghall-habta tas-sena 2011 jew 2012.

Huwa ma kienx involut fil-kwistjoni tal-*credit note*.

Sostna li huwa ma kienx involut fil-ftehim a fol 221. Kermas hija biss azzjonista ta` Samchrome Limited.

Ikkonferma li ra d-dokument a fol 174.

Qal li kieku kienet saret *claim* minn Samchrome, huwa kien isir jaf biha bhala direttur tal-kumpannija.

Kompla jghid illi huwa ffirma seba` skritturi kollha ghan-nom ta` entrambi l-partijiet fuq l-iskritturi, bl-approvazzjoni tal-*minority shareholders* ossija bl-approvazzjoni ta` Brown.

Qal li huwa ma setax jiffrima *l-business sale agreement* (Dok SB 6) ghaliex huwa ma kienx ghadu azzjonist u Managing Director tal-attrici.

## III. <u>Fatti</u>

Bla ma tidhol fi kwistjonijiet ta` mertu, il-fatti fil-qosor kienu dawn :

Fl-20 ta` Lulju 2009, sar kuntratt imsejjah *Business Sale Agreement* (fol 308 sa fol 335) li permezz tieghu KDK assenjat in-negozju taghha lill-attrici ghall-prezz ta` US$ 1.

Permezz ta` *Deed of Assignment and Settlement* (Dok A a fol 6 sa 10), tas-7 ta` Mejju 2013 l-attrici kienet assenjata kreditu li ArcelorMittal Sourcing SCA allegatament kellha fil-konfront ta` KDK, liema kreditu kien derivanti minn *credit note* datata 8 ta` Dicembru 2009 (Dok B a fol 11).

Fit-22 ta` Jannar 2014, l-attrici mexxiet bil-kawza tal-lum.

## IV. L-ewwel (1) eccezzjoni preliminari

**Billi l-eccezzjoni kienet irtirata, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.**

## V. It-tieni (2) eccezzjoni preliminari

Taqra hekk :

> *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta unikament lill-kumpannija attrici li tressaq prova cara u skond il-ligi li Dr. Kenneth Grima kellu r-rapprezentanza guridika taghha fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promutorju, ossija nhar it-22 ta` Jannar 2014, billi, fin-nuqqas, l-istess rikors guramentat promutorju jigi rez irritu u null, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti jkollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici.*

Jinghad mill-konvenuti illi minkejja li fir-rikors guramentat hemm dikjarat li Av. Kenneth Grima kien debitament awtorizzat mill-attrici ma kienx hemm prova ta` dan.

Inghad li Av. Grima lanqas xehed dwar ir-rapprezentanza tieghu.

Ma jistax jitqies bhala mandatarju tal-attrici ghaliex imkien fir-rikors guramentat ma hemm indikat li qed jagixxi bhala mandatarju.

L-attrici tilqa` ghal din l-eccezzjoni billi tissottometti illi : (i) ir-rikors guramentat kien mahluf mill-Av. Grima u ghalhekk dak il-gurament ma kienx jehtieg gurament iehor ; (ii) kienet assistita mis-senior partner ta` ditta ta` avukati internazzjonali ; (iii) ir-rapprezentanti tal-attrici xehdu fil-kawza ; (iv) fil-kors tal-kawza, kienet murija l-ittra ta` l-ingagg tal-Av. Grima ghalkemm ma kenitx esebita ; (v) abbazi tad-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell

fil-kawza fl-ismijiet **Charles Grech & Co Limited vs Karl Vella Petroni et pro et noe** fit-28 ta` Gunju 2013, terz ma ghandux jintrometti ruhu fl-affarijiet interni ta` kumpannija ; jekk din tirratifika u taghmel taghha dak kollu li jidher li jkun sar f`isimha, allura dak l-agir jitqies bhala li jkun sar validament f`isimha.

Irrizulta li b`digriet tat-3 ta` Lulju 2017 mal-isem tal-kumpannija attrici zdiedu l-kliem kif debitament rapprezentata mill-Av. Dr. Kenneth Grima. Dan sar propju ghaliex Dr Grima kien il-mandatarju ta` l-kumpannija attrici.

Skont l-**Art 1857(2) tal-Kap 16**, mandat jista` jsir mhux biss b`att pubbliku jew bil-kitba izda anke bil-fomm kif ukoll tacitament. Dan kien ikkonfermat b`ghadd ta` sentenzi tal-qrati taghna fosthom **Frendo vs Azzopardi et** (PA : 28 ta` Jannar 2004) ; **Elkhaite et vs Attard et** (PA : 28 ta` Frar 2002) ; u **Tabone pro et noe vs Debono et** (PA : 21 ta` Novembru 2007).

**L-eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

## VI. It-tielet (3) eccezzjoni preliminari

Din taqra :-

> *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti m`hijiex kompetenti u m`ghandhiex gurisdizzjoni, skond, fost ohrajn, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 741 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza, u konsegwentement il-kumpannija esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, u dan kemm ghaliex din il-kawza m`hijiex ta` gurisdizzjoni tal-Qrati ta` Malta, u anke ghaliex kull ftehim vigenti bejn il-kontendenti - inkluz, fost ohrajn, dak gja` esebit man-nota tal-kumpannija esponenti tal-10 ta` Marzu 2014 bhala DOK: KDK2 - jghid illi kwalsiasi kwistjoni li tqum bejn l-istess kontendenti ghandha tigi regolata bil-ligi Ingliza, u ghandha tigi*

*determinata permezz ta` proceduri ta` arbitragg gewwa Londra.*

**a) Il-gurisdizzjoni generali ta` dawn il-qrati**

Issir referenza ghall-**Art 741** u ghall-**Art 742 tal-Kap 12**.

Skont l-**Art 741(1)(a) tal-Kap 12**, *l-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista` tinghata meta l-kawza ma tkunx ta` gurisdizzjoni tal-qrati ta` Malta.*

Mill-**Art 742 tal-Kap 12**, huma l-ewwel (1) u t-tieni (2) subartikoli li ghandhom rilevanza ghall-fini tal-eccezzjoni kif dedotta.

**L-Art 742(1)** ighid :-

> *Bla hsara ta` fejn il-ligi tiddisponi espressament xort`ohra, il-Qrati Civili ta` Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija :*
>
> *(a) cittadini ta` Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domicilju taghhom band`ohra;*
>
> *(b) kull persuna, sakemm jew ghandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qeghda Malta;*
>
> *(c) kull persuna, f`kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f`Malta;*
>
> *(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f`Malta, izda ghall-kawzi biss li ghandhom x`jaqsmu ma` dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;*
>
> *(e) kull persuna illi, ghalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f`pajjiz iehor, tkun ftehmet li ghandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f`Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi*

*bilfors ghandu jkollha effett f`Malta, kemm-il darba, f`kull kaz, dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(f) kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta` Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità guridika distinta jew assocjazzjoni ta` persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f`Malta, meta s-sentenza tista` tkun esegwita f`Malta;*

*(g) kull persuna li tkun b`mod espress jew tacitu volontarjament qaghdet jew qablet li toqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qorti.*

**L-Art 742(2)** ighid :-

*Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li qorti barranija tkun qeghda tittratta l-istess kawza jew kawza li ghandha x`taqsam maghha. Meta qorti barranija jkollha gurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistghu fid-diskrezzjoni taghhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal- gudizzju jew iwaqqfu l-procedimenti f`kaz li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-konvenut."*

KDK hija kumpannija registrata Malta. Il-kawza saret kontra taghha. Il-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawza, sakemm ma tirrizultax klawsola arbitrali kontrattata bejn il-partijiet li jkollha l-effett li tizvesti lill-qrati Maltin mill-gurisdizzjoni.

Jekk jigi ppruvat mqar wiehed mis-subincizi tal-Art 742(1) tal-Kap 12, dan ikun bizzejjed sabiex il-qorti tkun tista` tiddikjara li ghandha gurisdizzjoni.

Issir referenza ghad-decizjoni li tat il-Qorti ta` l-Appell fit-30 ta` Settembru 2016 fil-kawza fl-ismijiet **C. & F. Building Contractors Limited v. Siegfried Generics (Malta) Ltd**.

Saret referenza ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti dwar klawsola relatata ma` l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni.

Inghad hekk mill-Ewwel Qorti :

> *Il-klawsola 12 hi pjuttost cara. Mhux biss il-ligi li tapplika ghal ftehim (proper law) hi l-ligi Svizzera, hemm stipulat ukoll illi l –gurisdizzjoni (forum) hi Zofingen fl-Isvizzera. Ghalkemm din il-parti tal-klawsola ma ghandhiex dicitura felici pero l-intenzjoni hi cara mill-istess titolu tal-klawsola li jqassam l-artikolu fi tnejn `applicable law and language/Court.*
>
> *Hija sinifikattiva, errudita u studjata s-sentenza ta` din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet* ***Middlesea Insurance plc pro et noe vs Bianchi & Co. (1916) Ltd*** *(PA 27/02/2014) li dahlet funditus fil-principju dwar jekk klawsola gurisdizzjonali tizradikax ghal kollox u bla eccezzjoni l-gurisdizzjoni ta` dawn il-Qrati.*
>
> *Bla dubju l-kawza tirrigwarda zewg kumpaniji registrati f`Malta rigwardanti kuntratt ta` appalt ta` xoghlijiet li kellhom jigu ezegwiti f`Malta u fejn it-talba hi ghal hlas ta` bilanc ta` prezz tal-appalt u l-eccezzjoni fil-mertu hi dwar il-kwalita jew nuqqas ta` kwalita fl-esekuzzjoni ta` dan l-appalt. Dawn il-fatturi zgur jaghmlu l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin aktar idonea u prattika biex jinstemghu u jigu evalwati l-provi senjatament meta fost il-kondizzjonijet kemm dawk konnessi ma` permessi relatati ma` entitajiet Maltin bhal Awtorita tal-Ippjanar u kif intqal diga l-eccezzjoni ta` nuqqas fl-esekuzzjoni tal-appalt hi marbuta intrisikament mas-sit fejn saru x-xoghljiet, cioe f`Malta.*
>
> *L-artikolu 742(1) jirradika l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin bil-fatt li z-zewg kumpaniji jinsabu registrati f`Malta u l-post ta` esekuzzjoni hu f`Malta kif ukoll il-hlas ghal appalt kellu jsir f`Malta.*
>
> *Il-Qorti tirrefera ghas-segwenti brani mis-sentenza msemmija aktar il fuq li ccaraw il-kwistjoni dwar eccezzjoni simili.*

*Izda ghalkemm kien hemm xi ftit kazijiet fejn l-ezistenza ta` klawsola bhal dik wasslet biex il-Qorti qisitha bhala wahda tassattiva li tnehhi l-gurisdizzjoni taghha (Ara, per ezempju, Kumm. 6.10.1959 fil-kawza fl-ismijiet "Lucia noe vs Borg" (Kollez.Vol:XLIII.iii.870), il-bicca l-kbira tad-decizjonijiet huma fis-sens li l-Qrati Maltin ghandhom kull jedd li jezercitaw diskrezzjoni jekk iwarrbux il-gurisdizzjoni taghhom taht is-sahha ta` klawsola bhal dik (Ara, per ezempju, App. Civ. 9.12.1935 fil-kawza fl-ismijiet "Frendo vs Naudi et "(Kollez. Vol:XXIX.i.1317). Dan il-hsieb jaqbel sewwa ma` dak li tipprovdi espressament il-ligi taghna llum, u l-fehma l-izjed accettata hija li klawsola bhal dik ma tistax titfisser bhala li tezawtora ghal kollox u minn qabel il-gurisdizzjoni tal-Qorti li mqarr tistharreg il-kwistjoni (Ara, per ezempju, Kumm. 23.6.1994 GMA fil-kawza fl-ismijiet "John Bonello noe et vs John Ripard noe et" (konfermata fl-Appell imma ghal ragunijiet ohrajn fis-7.10.1997), u fejn, ikkunsidrati ccirkostanzi, jkun jidher li l-partijiet tassew riedu din il-klawsola". (Vol. XXIV P I p 1067);*

*Fis-sentenza "PL Edoardo Frendo noe -vs- Dottor Roberto Naudi et noe", Appell, 9 ta` Dicembru 1935 (Vol. XXIX P I p 1317), ittiehdet il-veduta prattika illi :*

*"allavolja jkun hemm klawsola f`dak is-sens, il-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni meta tkun kwistjoni ta` atti ta` avarea, jew ta` verifiki ta` danni li ma tistax issir hlief hawn Malta; jew almenu ma tistax issir quddiem it-tribunal ta` barra ahjar, u b`anqas spejjez, u f`anqas zmien milli quddiem it-Tribunal taghna." Ara wkoll flistess sens decizjonijiet a Vol. XVII P II p 33; Vol. XXIII P III p 484; "Gerald Bartoli noe –vsEmanuel Mathioudes noe", Appell Kummercjali, 29 ta` Lulju 1970);*

*Hu minnu li hafna mill-kawzi jirrigwardaw kwistjonijiet ta` avarija filkamp marittimu izda l-Qorti tqis li l-principju hu applikabbli b`mod estiz ghal kull vertenza. F`dawn ic-cirkostanzi l-Qorti*

*tqis li l-fattispecie talkaz jitolbu li jkunu l-Qrati Maltin li jiddeciedu l-kwistjoni u salv il-kwistjoni tal-`proper law` imsemmija fil-klawsola din il-Qorti tqis li ghandha tiddeciedi l-kawza hi."*

Il-posizzjoni tal-Ewwel Qorti kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell li ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :-

*Illi din hi kawza fejn is-socjetà attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc ta` prezz ta` appalt imwettaq fuq inkarigu tal-konvenut. In linea preliminari, is-socjeta` konvenuta issollevat in-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` dawn il-qrati peress illi, skont il-ftehim li wassal ghall-appalt, il-ftehim hu suggett ghal-ligi tal-Isvizzera u "the place of jurisdiction shall be Zofingen (Switzerland)", L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni wara li qieset illi l-fattispecie tal-kaz "jitolbu li jkunu l-qrati Maltin li jiddeciedu l-kwistjoni".*

*Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u tissottometti li l-ftehimjorbot lill-partijiet – pacta sunt servanda – u f`kull kaz, ikun aktar utili li l-meritu jigi diskuss fil-qorti fi Svizzera.*

*Din il-Qorti tara li ghandha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Huwa veru li fil-ftehim bejn il-partijiet hemm klawzola ta` gurisdizzjoni ta` pajjiz esteru, u li dawn il-klawzoli ghandhom jinghataw l-importanza taghhom, pero`, il-qrati taghna dejjem zammew id-dritt li jasserixxu l-gurisdizzjoni taghhom f`kaz li jqisu li l-qrati Maltin huma l-forum l-aktar konvenjenti biex jisma` l-kaz. Dan il-punt gie diskuss u deciz dan lahhar mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Middlesea Insurance plc. v. Bianchi & Co. (1916) Ltd", deciza fis-27 ta` Frar, 2014, fejn saru dawn l-osservazzjonijiet.*

*Illi dwar il-kwistjoni tal-inkompetenza tal-Qrati ordinarji minhabba deroga mahluqa minn klawsola ta` gurisdizzjoni, il-ligi tal-Procedura tistabbilixxi li l-fatt wahdu li jkun hemm Qorti ohra barranija li jkollha gurisdizzjoni konkorrenti ma jeskludix minn qabel il-gurisdizzjoni tal-Qrati*

*Maltin. Jidher li dak l-artikolu japplika fejn ikun hemm diga` kawza dwar l-istess haga jew konnessa maghha li qieghda tinstema` minn Qorti barranija. Jekk ma jkunx hemm kawza bhal dik diga` mibdija, jidher li s-setgha li Qorti Maltija tqis u tisma` l-kawza tiddependi mill-kriterji li normalment isejsu l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skont l-artikolu 742(1) tal-Kap 12.*

*Izda kif gie osservat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "Peter Arrigo noe v Dr. Chris Cilia et. noe" (PA(JRM) - dec. fil-11 ta` Dicembru 2003).*

*Sa minn zmien ilu, il-Qrati taghna taw gharfien lill-klawsoli gurisdizzjonali, u dan l-izjed taht is-sahha tal-principju tal-liberta` kuntrattwali tal-partijiet u l-iehor li pacta sunt servanda, u jigifieri li jekk parti tkun intrabtet b`patt li kwistjoni kellha titresssaq quddiem qorti jew tribunal partikolari, dik ir-rabta ma setghetx tintesa jew titwarrab jekk mhux bi qbil bejn kulhadd (Ara, per ezempju, P.A. 12.3.1954 fil-kawza fl-ismijiet "Tonna Barthet vs Pace noe" Kollez. Vol: XXXVIII.iii.653).*

*Izda ghalkemm kien hemm xi ftit kazijiet fejn l-ezistenza ta` klawsola bhal dik wasslet biex il-Qorti qisitha bhala wahda tassattiva li tnehhi lgurisdizzjoni taghha(Ara, per ezempju, Kumm. 6.10.1959 fil-kawza fl-ismijiet "Lucia noe vs Borg"(Kollez.Vol: XLIII.iii.870), il-bicca l-kbira tad-decizjonijiet huma fis-sens li l-Qrati Maltin ghandhom kull jedd li jezercitaw diskrezzjoni jekk iwarrbux il- gurisdizzjoni taghhom taht is-sahha ta` klawsola bhal dik (Ara, per ezempju, App. Civ. 9.12.1935 fil-kawza fl-ismijiet "Frendo vs Naudi et"(Kollez. Vol: XXIX.i.1317). Dan il-hsieb jaqbel sewwa ma` dak li tipprovdi espressament il-ligi taghna llum, u l-fehma l-izjed accettata hija li klawsola bhal dik ma tistax titfisser bhala li tezawtora ghal kollox u minn qabel il-gurisdizzjoni talQorti li mqarr tistharreg il-kwistjoni (Ara, per ezempju, Kumm. 23.6.1994 GMA fil-kawza fl-ismijiet "John Bonello noe et vs John Ripard noe et" (konfermata fl-Appell imma ghal ragunijiet ohrajn fis-7.10.1997) , u fejn, ikkunsidrati c-cirkostanzi,*

*jkun jidher li l-partijiet tassew riedu din il-klawsola". (Vol. XXIV P I p 1067);*

*Fis-sentenza "PL Edoardo Frendo noe -vs- Dottor Roberto Naudi et noe", Appell, 9 ta` Dicembru 1935 (Vol. XXIX P I p 1317), ittiehdet il-veduta prattika illi :*

*"allavolja jkun hemm klawsola f`dak is-sens, il-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni meta tkun kwistjoni ta` atti ta` avarea, jew ta` verifiki ta` danni li ma tistax issir hlief hawn Malta; jew almenu ma tistax issir quddiem it-tribunal ta` barra ahjar, u b`anqas spejjez, u f`anqas zmien milli quddiem it-Tribunal taghna." Ara wkoll fl-istess sens decizjonijiet a Vol. XVII P II p 33; Vol. XXIII P III p 484; "Gerald Bartoli noe –vs- Emanuel Mathioudes noe", Appell Kummercjali, 29 ta` Lulju 1970);*

*Kif din il-Qorti kif diversament presjeduta irriteniet:*

*"Dan il-kriterju nsibuh abbraccjat f`bosta gurisdizzjonijiet ohra. Anzi dawn spiss imorru oltre l-aspett singolari tal-verifika tad-danni. Jitqiesu fatturi bhal konnessjoni diretta, reali u sostanzjali mal-pajjiz ta` l-iskarikazzjoni billi l-provi jistghu jigu rakkolti u stabbiliti ahjar, il-fatt tat-trapass taz-zmien, dubji dwar il-motivi tal-parti li teccepixxi n-nuqqas tal-gurisdizzjoni, lispejjez involuti u l-kwalita` ta` gustizzja fil-pajjiz xelt. Ara, fost ohrajn, "The Adolph Warski", 1976; "The El Awria" 1980, "The Pia Veste", 1984. "Materja bhal din hi mhollija fid-diskrezzjoni tal-gudikant adit millkaz" ("Joseph Felice Pace noe v Godwin Abela noe"- P.A. (PS) - dec. fit-28 ta` April 2003.*

*Fil-kaz Ingliz, The Eleftheria, (1970) citat minn Cheshire and North fil-ktieb "Private International Law" il-principji li huma applikati minn Qorti Ingliza rinfaccjata b`talba mill-vettural ghas-soprasessjoni minhabba "exclusive jurisdiction clause" huma :*

*" … (2) The discretion (to stay) should be exercised by granting a stay unless a strong cause is shown for nt doing so. (3) The burden of proving such strong cause is on the plaintiff. (4) In exercising its discretion the court should take into account all the circumstances of the particular case. (5) In particular, but without prejudice to (4), the following matters :- (a) in what country the evidence on the issues of fact is situated,or more readily available , and the effect of that on the relative convenience and expense of trial as between the English and foreign courts. (b) Whether the law of the foreign court applies and , if so, whether it differs from English Law in any material respects (c) With what country either party is connected and how closely. (d) Whether the defendants genuinely desire trial in the foreign country or are only seeking procedural advantages. (e) Whether the plaintiffs would be prejudiced by having to sue in a foreign court because they would be (i) depriced of security for their claim; (ii) be unable to enforce any judgment obtained; (iii) be faced with a time bar not applicable in England, or (iv) for political, racial , religious or other reasons be unlikely to get a fair trial."*

*Il-Qrati taghna stabbilew linja ta` principji gwida li huma kompatibbli mal-principji enuncjati fl-The Eleftheria fuq citat.*

*Hekk ad ezempju, johrog mir-ragunament tal-Imhallef A. Parnis fis-6 ta` Lulju 1911 fil-kawza "Giovanni Pace –vs- Gennaro Civitelli noe":-*

*"La Corte come presieduta ritiene che quella clausola nel commercio marittimo deve essere attesa quando colla stessa non venisse recato un grave pregiudizio al caricatore o ricevitore nel senso che il rinviarlo innanzi al tribunale del compartimento al quale appartiene il vapore lo metterebbe nella impossibilita` di proseguire la causa, e quando per la natura delle circostanze per le prove da essere addottati, l`esercizio dell`azione in queste Isole importerebbe economia di spese e non sarebbe pregiudizievole alla difesa per parte del vapore e dei suoi proprietari. In altri termini la clausola*

*escludente la competenza del tribunale e` soggetta ad eccezioni, avuto riguardo alla circostanza ed avuto riguardo al fine pel quale quella clausola e` stata introdotta."*

*"lli kif gie ritenut fil-kawza "Dr. Michael Scriha nomine vs Il Pamento Limited" (P.A. RCP. 9 ta` Jannar 2001) l-gurisprudenza nostrali hija konsistenti u tipprovdi, kif inghad inter alia fis-sentenza "John Galdes nomine vs Joseph Bowman nomine" (K. F. 21 ta` Gunju 1993) li :-*

*"Illi skont l-evoluzzjoni fid-dottrina li temani mill-gurisprudenza lokali jidher li tali kwalsoli bhal dik iccitata `supra` huma legalment validi pero` m`humiex assoluti dejjem. Di fatti f`numru ta` kazi l-Qrati irritenew li nonostante tali klawsola, xorta ghandom gurisdizzjoni in kwantu u limitatament ghal kostatazzjoni tan-nuqqas jew tal-hsara rriporatata filmerkanzija de quo".*

*Illi dan isir peress li meta trid issir konstatazzjoni tal-kwalita` talmerkanzija, l-allegata mankanza jew difetti li setgha fiha, jew dwar nuqqasijiet dwar l-istess merkanzija, il-Qrati taghna konsistentement irritenew illi meta l-istess merkanzija tinsab hawn Malta, iddeterminazzjoni tad-domicilju reali, fejn trid issir l-ezami tal-istess merkanzija, huwa dejjem Malta, minhabba li jekk tali verifiki jsiru f`post iehor, fejn ovvjament ma hemmx tali merkanzija, dan issir hafna aktar difficli jekk mhux impossibbli. ("Robert Bonello nomine vs Agostina Mifsud et nomine". - K. S.S. 30 ta` April 1993- XXX D. iii. 373.- "Micallef et nomine vs Chev. Mifsud et nomine. - A.C. 26 ta` Ottubru 1991).*

*Illi tal-istess portata huma s-sentenzi "Negoziante Andrea Gatt vs Negoziante Gustavo Gollcher" (K. 14 ta` Novembru 1916 - XIII. iii. 484) fejn inghad illi "il domicilio reale e` quello determinato dal luogo della scaricazione della merce trattandosi di una contestazione riguardo la mancanza della merce o la deficienza del peso di essa, fatti che possono solo accettarsi alla scaricazione, ed innanzi al tribunal del luogo di scaricazione che tali questioni possono agevolamente svolgersi e defenirsi".*

*Illi kien ghalhekk u fuq dawn il-principji li l-Qorti fil-kawza Prokuratur Legali Edoardo Frendo vs Dottor Roberto Naudi et nomine" (A. K. 9 ta` Dicembru 1935 - XXIX E. i. 1317) sostniet li, nonostante ilklawsola dwar gurisdizzjoni esklussiva ta` Qorti estera, din il-Qorti xorta ghandha gurisidizzjoni li tisma` l-kaz, jekk dan ikun iktar kompattibbli ghad-determinazzjoni tal-pendenza, u iktar facli li tali kwistjoni tigi ezaminata b`mod iktar prattiku, kemm ghaliex l-ogggetti jkunu hawn Malta, u kemm ghaliex tali sentenza tkun tista` tigi esegwita hawn Malta. Fil-kaz imsemmi, fil-fatt kien jittratta dwar konsenja ta` injam, li lkonvenut sostna li kienet ta` kwalita` inferjuri, u peress li tali merkanzija kienet Malta, mela allura l-istess Qorti kkonfermat il-gurisdizzjoni taghha. ("Galea vs Hammer" - XX.iii.32; - "Pace vs Civitelli" - XXI. iii. 71; "Thomas vs Angeland" - K. 20 ta` Jannar 1975); "P.L. Edoardo Frendo vs Dr. Robert Naudi" - A.C. 9 ta` Dicembru1935.*

*Izda kull kaz ghandu il-fattispecje partikolari tieghu u d-diskrizzjoni finali hija dejjem tal-Qorti. Sta ghalhekk ghall-attur li jikkonvinci lill-Qorti ghaliex huwa ghazel li jissorvola l-klawsola gurisdizzjonali fil-polza."*

*F`dan il-kaz, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, il-kawza tirrigwarda zewg kumpaniji registrati hawn Malta, u ftehim ta` appalt li kellu jigi esegwit, kif fil-fatt sar, hawn Malta. Wahda mill-eccezzjonijiet fil-meritu tas-socjetà konvenuta hija li l-appalt ma giex ezegwit skont l-arti u s-sengha, li timplika li jridu jsiru kostattazzjonijiet fil-fond hawn Malta, kostattazzjonijiet ta` natura teknika, bil-Qorti, forsi, jkollha tirrikorri ghall-hatra ta` perit tekniku. Ghalkemm il-ftehim hu soggett ghal-ligi talIsvizzera, darba li l-bini sar Malta, l-istess bini jkun soggett ukoll ghal-ligijiet ta` Malta, specjalment dawk intezi ghat-tharis tas-sahha pubblika. Huwa car, ghalhekk, li huwa aktar kompatibbli ghad-determinazzjoni tal-pendenza, li l-kaz jinstema` Malta. Il-verifika tax-xoghol u tal-allegat nuqqasijiet ma tistax issir hlief hawn Malta,*

*u din ic-cirkostanza timpingi manifestament favur il-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin.*

*Is-socjetà konvenuta tghid li d-dokumentazzjoni u l-fatturi jinstabu kollha gewwa Zofingen, l-Isvizzera, pero`, dawn jistghu facilment jigu trasmessi lejn Malta bi spiza minima. Tghid ukoll li x-xhieda rilevanti jinsabu gewwa l-Isvizzera. Apparti l-fatt li llum wiehed jista` jiehu x-xhieda ta` persuna li tinsab barra minn Malta b`mezzi elettronici, bhal skype, li l-bini ta` dawn il-qrati hu attrezzat ghalih, l-iskomdu li xhud jista` jbati jekk ikollu ta` bilfors jingieb Malta, huwa zghir maqbul mac- cirkostanzi li l-appalt gie esegwit u jrid jigi ezaminat in situ hawn Malta.*

*Il-kwistjoni kuntrattwali relatata ma` allegat late delivery tista`, forsi, tigi mistharrga f`kull pajjiz, pero`, din il-Qorti ma tarax li ghandha tispezza s-smiegh tal-kawza, u darba li parti importanti tal-kawza tehtieg smiegh hawn Malta, il-kaz kollu hu desiderabbli li jibqa` jinstema` hawn Malta.*

*Il-fatt li l-proper law of contract tista` tkun il-ligi Svizzera, ma jwassalx ghall-konsegwenza li l-qrati li jisimghu l-kaz iridu bil-fors ikunu tal-istess pajjiz esteru – ara l-kummenti ta` din il-Qorti f`dan is-sens fil-kawza "Maltrad (Holdings) Ltd. v. Coll", deciza fis-27 ta` Marzu, 2015.*

*Issa, fi stadju inoltrat tal-appell, is-socjeta` konvenuta ghamlet referenza ghall-konvenzjoni Europea tal-1968 (il-Brussels Convention on jurisdiction and the enforcement of judgments in civil and commercial matters), maghrufa komunement bhala l-Brussels I, u ghall-hekk imsejha Lugano Convention, iffirmata fl-1988, li tirrifletti l-ewwel konvenzjoni, izda testendiha ghan-Norvegja, l-Izlanda u l-Izvizzera.*

*Skont din l-ahhar konvenzjoni, li hi applikabbli ghall-kaz, meta f`kuntratt ikun miftiehem bejn il-partijiet liema pajjiz ghandu jiddetermina tilwima bejn l-istess partijiet, huma l-qrati ta` dak l-istat li jkollhom gurisdizzjoni esklussiva biex tisma` dik it-tilwima.*

*Din il-Qorti, pero`, tqis li, f`dan il-kaz, ir-regola msemmija ma tistax tigi attwata.*

*Skont l-istess konvenzjoni, il-qorti ta` dak l-istat fejn il-konvenut ikun deher ("enters an appearance"), ikollha f`kull kaz gurisdizzjoni, u dan sakemm ma jkunx deher biss ("solely") biex jikkontesta l-gurisdizzjoni tal-Qorti. F`dan il-kaz, is-socjetà konvenuta dehret quddiem il-qorti u ikkontestat mhux biss il-gurisdizzjoni tal-istess qorti, izda ressqet eccezzjonijiet fil-meritu. B`dan il-mod, hi issottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin. Meta dehret fil-qorti, ma illimitatx ruhha biex tikkontesta l-gurisdizzjoni tal-qorti, izda dahlet fil-meritu tal-kwistjoni, ikkontrastat dak sottomess mis-socjetà attrici, u issottomettiet ghall-gurisdizzjoni tal-qorti Maltija dwar il-meritu.*

Ghandu jinghad li fil-kaz tal-lum, is-socjeta` konvenuta hija kumpannija registrata Malta, li ressqet eccezzjonijiet ohra sabiex tikkontesta l-kaz dwar il-meritu.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha gurisdizzjoni *anke* ghaliex il-konvenuta ssottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin.

**b) <u>Klawsola arbitrali</u>**

Il-konvenuta teccepixxi li l-kuntratti kollha li saru bejn il-partijiet kellhom inkluza klawsola arbitrali kemm ta` gurisdizzjoni kif ukoll ta` ligi li kienet tghid illi vertenzi kellhom jigu regolati bi proceduri ta` arbitragg gewwa Londra u li l-ligi vigenti kienet dik Ingliza. L-attrici tilqa` ghall-eccezzjoni billi tghid illi l-bazi tal-azzjoni tal-lum hija l-*credit note* indirizzata lil ArcelorMittal Sourcing SCA u mhux il-kuntratti.

Minn ezami tal-premessi tar-rikors guramentat, jirrizulta li l-kawza saret abbazi tal-*credit note* li kienet harget favur l-aventi kawza tal-attrici (Dok B). Fil-kawza ssir referenza ghal ftehim imsejjah *deed of assignment and settlement for a credit note* fejn saret assenjazzjoni tad-debitu ndikat fil-*credit note.*

Il-Qorti tqis illi l-kawza tirrigwarda *credit note* partikolari. Fiha ma hemm l-ebda referenza ghal klawsoli arbitrali. Da parti taghha, il-konvenuta tinsisti li (i) l-*credit note* mhijiex indirizzata lis-socjeta` rikorrenti ; (ii) l-*credit note* mhijiex valida peress li mhjiex iffirmata, kif ukoll kien ippruvat li harget minghajr l-awtorizzazzjoni ta` Koncar ; u (iii) il-*credit note* hija intrinsikament konnessa mal-kuntratti li kienu jirregolaw ir-relazzjoni ta` bejn il-kontendenti u ghalhekk il-klawsoli arbitrali tal-kuntratti japplikaw.

Il-Qorti tqis li l-ewwel zewg argumenti huma prematuri tenut kont illi qeghda taghti decizjoni dwar l-eccezzjonijiet preliminari mhux dwar il-mertu. U dawk l-argumenti jolqtu l-mertu.

Dwar it-tielet argument, il-Qorti tqis illi fir-rikors guramentat jissemma *the deed of assignment and settlement for a credit note* (Dok A a fol 6 sa fol 10) bejn ArcelorMittal Sourcing SCA u Samchrome FZE. Fil-kuntratt jinghad :-

> *12. <u>Governing law and jurisdiction</u>*
>
> *12.1 Any dispute arising out of or in connection with this deed, including any question regarding itx existence, validity or termination, shall be referred to and finally resolved by arbitration under the London Court of International Arbitration Rules, which Rules are deemed to be incorporated by reference into this clause.*
>
> *12.2 The number of arbitrators shall be one.*
>
> *12.3 The seat or legal place of arbitration shall be London.*
>
> *12.4 The language to be used in the arbitral proceedings shall be English.*
>
> *12.5 The governing law of the deed shall be the substantive law of England.*

Din il-Qorti tghid illi din il-klawsola arbitrali tghodd ghall-partijiet li ffirmaw il-ftehim.

Il-kwistjoni hija li l-validita` ta` *credit note* qeghda tigi attakkata minn KDK mhux mill-firmatarji tal-ftehim.

Ghalhekk ma jistax jinghad li l-klawsola tapplika ghall-vertenza odjerna.

Dan huwa in linea ma` dak li kien deciz mill-Court of Appeal fl-Ingilterra fil-kawza **<u>Carvill v Camperdown</u>** [2005] EWCA Civ 645 fejn inghad illi : *Arbitration provisions between A & B do not prevent C who is not a party to the arbitration agreement from maintaining court action and enjoining A & B.* Kien michuda talba ghal *stay of proceedings*.

Fir-*recitals* ta` *deed of assignment and settlement for a credit note* (fol 459 sa fol 467), hemm referenza ghal *ferrochrome supply agreement* (fol 221 sa fol 245) *deed of novation, amendment and extension of ferrochrome supply agreement* (fol 276 sa fol 283) u ghal *business sales agreement* ta` l-20 ta` Lulju 2009 (fol 308 sa 335).

Dawn it-tlett kuntratti ghandhom klawsoli arbitrali simili ghal din (*supra*).

KDK taghmel ukoll referenza ghal klawsoli simili fl-*agreement for the sale and purchase of shares* u *shareholder`s agreement.*

Il-Qorti mhijiex konvinta li l-vertenza mertu ta` din il-kawza hija regolata bil-klawsoli arbitrali li jkopri kemm *choice of jurisdiction* kif ukoll *choice of law* ghaliex il-klawsoli jirreferu ghal *disputes arising out of or in relation to this agreement* jew in konnessjoni ma` *disputes arising out of or in connection with the present agreement.*

Il-vertenza in ezami tirrigwarda kwistjoni naxxenti minn *rebate, credit note* u assenjazzjoni tad-drittijiet u ghalhekk mhijiex *dispute* naxxxenti minn jew in konnessjoni ma` dawn l-ftehim de quo.

Ma tarax li d-dritt tal-attrici li titlob il-hlas abbazi tal-*credit note* kien soggett jew subordinat ghal klawsola arbitrali.

**Apparti l-premess,**

**l-eccezzjoni ma tistax tkun milqugha wkoll ghal ragunijiet ta` dritt :-**

**i) <u>Art 15(3) tal-Kap 387</u>**

Id-disposizzjoni u l-effetti taghha kienu trattati fil-gurisprudenza pero` d-decizjonijiet mhumiex konkordi.

Infatti kien hemm sentenzi li qiesu l-procedura stipulata fl-Art 15(3) kellha tigi segwita *ad litteram* peress li altrimenti jkun ifisser li l-eccezzjoni dwar il-klawsola arbitrali tkun saret proceduralment inammissibbli. Fost dawn id-decizjonijiet hemm dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fl-24 ta` Settembru 2013 fil-kawza **<u>Kunsill Lokali Victoria vs Gatt Asphalting Limited.</u>** Kif ukoll id-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-26 ta` Novembru 2014 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Alfred Portelli vs Kunsill Lokali Ta` Xbiex.</u>** (ara wkoll : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri : 14 ta` Lulju 2015 : **<u>Projekte Global Limited vs Ghajnsielem F.C.</u>** ; PA : 24 ta` Ottubru 2016 : **<u>Avv John Refalo noe vs Dr Abigail Bugeja et noe et</u>** ; PA : 30 ta` Settembru 2014 : **<u>Mario Vella et vs Malta Industrial Parks Limited)</u>**

Mill-banda l-ohra, kien hemm sentenzi li qalu l-oppost [ara : PA : 12 ta` Dicembru 2002 : **<u>Cannon Services Limited vs Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Bahar</u>** ; Qorti tal-Magistrati (Malta) : 4 ta` Gunju 2014 : **<u>Bernardette Borg vs Gasan Mamo Insurance Limited</u>** ; Qorti tal-Magistrati (Malta) : 26 ta` Marzu 2014 : **<u>S.I.T. Special Interest Travel Limited vs MaltaTicket.com Limited</u>** ; PA : 1 ta` Lulju 2016 : **<u>Celine Warnier de Wailly vs Kurt Galea Pace]</u>**

Il-Qorti tqis illi l-konvenuta ma kinitx proceduralment korretta meta rinfaccjata bil-kawza attrici eccepiet in-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-qorti, minflok talbet il-waqfien tal-kawza sakemm isir arbitragg. Skont l-Art 15(3) tal-Kap 387, il-konvenuta setghet *"qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti biex twaqqaf il-procedimenti"*. Ladarba procedura arbitrali hija regolata b`*lex specialis*, kien jinkombi fuq il-konvenuta li jekk riedet tittenta twaqqaf il-kawza kellha

ssegwi dak li jghid l-Art. 15(3) tal-Kap. 387 u mhux teccepixxi n-nuqqas tal-gurisduzzjoni tal-qorti.

Inoltre bil-fatt li l-konvenuta ma nsistietx fuq l-arbitragg, ifisser li accettat il-gurisdizzjoni tal-qorti u tacitament irrinunzjat ghall-klawsola arbitrali. Il-konsegwenza tal-ghazla tal-konvenuta li ma ggibx it-twaqqif tal-kawza kif previst mill-Art 15(3) tal-Kap 387 tittraduci ruhha fl-accettazzjoni u sottomissjoni cara u inekwivoka tal-gurisdizzjoni tal-qorti.

**Ghall-fini ta` ezami komparattiv ta` legislazzjoni, il-Qorti tirreferi ghall-<u>Art 9(3) tal-Arbitation Act 1996</u> tal-Ingilterra li jixhah l-Art 15(3) tal-Kap 387.**

Fil-ktieb **<u>Substantive & Procedural Law of Arbitration</u>** (2008) : Tielet Kapitolu : *Stay of legal proceedings to arbitration – The Arbitration Act 1996 Part I Arbitration Pursuant to an arbitration agreement,* **<u>C. H. Spurin</u>** ighid :

> *It is not uncommon for a party to an arbitration agreement to regret that decision once a dispute arises, particularly if there is a perception that litigation may be in their better interests. When this occurs, for whatever reason, that party may commence litigation. If the other party consents to litigation, either expressly or by implication – which is demonstrated by taking an active part in the litigation, then the arbitration provision is defeated.*

**L-awtur jaghmel referenza ghal decizjonijiet dwar Art 9(3) tal-Arbitration Act 1996.**

Id-decizjoni fl-ismijiet **<u>London Central & Suburban Dev Ltd v Gary Banger</u>** [1999] ADRLJ 119 ghandha rilevanza ghall-vertenza odjerna.

Inghad :-

> *By a contract containing an arbitration clause the Defendant provided M&E services to the plaintiff. Disputes arose and the plaintiff commenced High Court proceedings by generally endorsed writ. The*

*Defendants acknowledgement of service form was accompanied by a letter to the court containing a section of about one and a half pages headed "Defence", concluding with a reservation of the right to provide "additional defence information" when the statement of claim was properly particularised. Upon later obtaining legal advice, the Defendants applied to stay the proceedings to arbitration. This was resisted by the plaintiffs on the grounds that by virtue of Section 9(3) of the Act the Defendants had lost the right to a stay by taking a step in those proceedings to answer the substantive claim.*

*The court held that the Defendants were not entitled to a stay. The court had to consider whether the letter accompanying the acknowledgement of service form was a "step in the proceedings" and an "answer to the substantive claim". If so, the court has no power to order a stay because the Section says that an application may not be made by a person who has so acted. In considering whether the letter was a step in the proceedings, the court should "step back" and have regard to relevant related acts and exchanges between the parties following that letter. In addition the court was not either required or entitled to confine its consideration of the requisite step to ones that were in strict conformity with the rules of court, though the non-conformity of an alleged step to the rules might be a relevant consideration. In this case, although the Defendant was entitled to await service of a statement of claim from the plaintiff before serving a defence, he was not precluded from serving one earlier, and this in fact is what he did. Thus the letter is the taking of a step in the proceedings and is one which answers the substantive claim.*

Jirreferi wkoll ghal :-

__**La Pantofola D'Orso S.P.A. v Blaine**__ [1999] Scot SC CA107/14(20)/97 :

*Application to cist to arbitration rejected. The litigation had proceeded without objection. Claimant had waived right to arbitration.*

u

**<u>George Martin Ltd v Shaheed Jamal</u>** [2000] Scot SC A1291/98 :

*Waiver : application to cist hearing to arbitration denied. By participating in the litigation without complaint the right to arbitrate was lost.*

Kemm id-disposizzjoni tal-Arbitration Act Ingliza kif ukoll il-gurisprudenza jikkonfermaw illi huwa necessarju li l-parti li tkun trid tinvoka l-applikazzjoni tal-klawsola arbitrali ghandha immedjatament tiehu azzjoni biex twaqqaf il-proceduri gudizzjarji peress li nuqqas jekwivali ghal rinunzja ghall-proceduri ta` arbitragg.

Dan kollu huwa in linea ma` l-Ewwel Skeda tal-Kap 387 u cioe` l-Mudell ta` Ligi fuq l-Arbitragg Kummercjali Internazzjonali, Art 8(1) fejn hemm stipolat li :

> *"Qorti li tingieb azzjoni quddiemha fi kwistjoni li tkun is-suggett ta` ftehim ta` arbitragg ghandha, jekk xi parti hekk titlob mhux aktar tard minn meta taghmel l-ewwel dikjarazzjoni taghha fuq il-meriti tat-tilwima, tirreferi lill-partijiet ghall-arbitragg kemm-il darba ma tiddecidix li l-ftehim huwa null u bla effett, inoperattiv jew li ma jistax jitwettaq."*

In-nuqqas tal-konvenuta li tilob lill-Qorti sabiex twaqqaf il-kawza in vista tal-klawsola arbitrali, qabel ma pprezentat ir-risposta jew qabel mexxiet mod iehor, jammonta ghal rinunzja tacita ghall-klawsola arbitrali. Passivita` da parti taghha tammonta wkoll ghal accettazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati.

Ara wkoll : PA : 30 ta` April 2008 : **<u>Alert Communications Limited vs MPPS Solutions Ltd</u>** ; Appell : 10 ta` Ottubru 2003 : **<u>Ignatius Gatt vs Franco Facchetti et</u>** ; Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri : 28 ta` Marzu 2014 : **<u>Trends Developments Company Limited vs. Gatt Enterprises Limited</u>**)

Rilevanti ukoll hija d-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta` Frar 2018 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Mangion Bros. (Zurrieq) Limited vs. Angele Calleja et</u>** li kienet tittratta rikors skont l-Art 15(3) tal-Kap 387.

Inghad :-

> *Fil-kaz in ezami mhux korrett dak li sostnew il-konvenuti meta fit-trattazzjoni finali qalu li l-obbligu li jintalab l-arbitragg, wara l-hrug tal-ittra ufficjali datata 21 ta` Gunju, 2016 mis-socjetà attrici, kien jinkombi biss fuq is-socjetà attrici.*
>
> *Il-konvenuti jikkontendu li ladarba skont huma m`ghandhom ihallsu xejn, ma ghandhom ghalfejn jaghmlu xejn u jistghu jibqghu passivi. Izda fil-verità kif inhi konkordi l-gurisprudenza tal-Qrati taghna, l-obbligu kien jinkombi fuq iz-zewg partijiet li jirreferu l-kwistjonijiet ta` bejniethom ghall-arbitragg.*
>
> *Il-fatt li l-konvenuti kienu komdi ma jhallsux, ma jfissirx li ma kellhomx obbligu li jirreferu l-kwistjoni ghall-arbitragg. Jekk iddecidew li dan ma jaghmluhx f`dak l-istadju, ma jistghux imbaghad wara li gew intavolati mis-socjetà attrici l-proceduri gudizzjarji odjerni, permezz ta` rikors ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap. 387, jeccepixxu n-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` din il-Qorti minhabba l-imsemmija klawsola arbitrali. Il-mod kif agixxew il-konvenuti juri palezement li ma kien hemm ebda intenzjoni li huma jidhlu f`arbitragg, izda biss li jintralcjaw l-proceduri gudizzjarji odjerni, haga li tmur kontra l-iskop innifsu ghalfejn kienet inholqot il-klawsola tal-arbitragg.*
>
> *Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad ir-rikors li l-konvenuti pprezentaw ai termini tal-artikolu 15(3) tal-Kap 387.*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta mill-provi li KDK Limited ma hadet ebda passi *di sua sponte*. Kull ma ghamlet kien illi qaghdet tistenna lill-attrici tiehu azzjoni.

**L-eccezzjoni qeghda tkun rigettata.**

**<u>VII. Ir-raba` (4) eccezzjoni preliminari</u>**

Kien eccepit illi :

> *... t-talbiet attrici kif dedotti, in kwantu bbazati fuq il-ftehim, ossija Deed of Assignment and Settlement tas-7 ta` Mejju 2013, esebit bhala DOK: A mar-rikors guramentat promutorju, huma intempestivi, u ghalhekk insostenibbli fil-konfront tal-kumpannija esponenti, billi l-istess kumpannija esponenti qatt ma giet mgharrfa, permezz ta` att gudizzjarju, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta), bic-cessjoni ta` kreditu meritu tal-istess imsemmi ftehim, qabel ma l-kumpannija attrici ezercitat il-jeddijiet lilha allegatament ceduti permezz tal-istess ftehim, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha taghddi sabiex tichad l-istess talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici.*

L-**<u>Art 1471 tal-Kap 16</u>** ighid illi *c-cessjonarju ma jistax, kwantu ghat-terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet imgharrfa lid-debitur b`att gudizzjarju, mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent.*

Imbaghad l-**<u>Art 1472 tal-Kap 16</u>** ighid x`jigri jekk ma ssirx in-notifika bl-att gudizzjarju :-

> *Fin-nuqqas ta` dik it-taghrifa, jew sakemm dik it-taghrifa ma ssirx*
>
> *(a) Id-debitur ma jistax jeccepixxi c-cessjoni kontra l-kreditur tieghu, u jekk ihallas id-dejn lil dan il-kreditur, jigi mehlus minn dak id-dejn;*
>
> *(b) Jekk il-kreditur, wara li jkun ceda l-kreditu lil wiehed, jaghmel cessjoni ohra ta` dak il-kreditu lil haddiehor, illi jkun f`bona fidi, it-tieni cessjonarju, jekk ikun innotifika c-cessjoni maghmula lilu, hu preferit ghall-ewwel wiehed;*
>
> *(c) Jekk il-kredituri tac-cedent jissekwestraw f`idejn id-debitur dak li dan ikollu jaghti, huma*

*preferiti ghac-cessjonarju, allavolja ma jkunx sar kredituri hlief wara c-cessjoni;*

*(d) Id-debitur jista` jpacci kull somma li ghaliha jsir kreditur tac-cedent; izda, ic-cessjonarju ma jistax ipaci l-kreditu lilu cedut ma` dak li jkollu jaghti lid-debitur.*

Dwar dawn id-disposizzjonijiet, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza **Av. Dr. Stephen Muscat noe vs Worldwide Communications Limited.**

Inghad hekk :-

*… taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet "**Emmanuela sive Lily Schembri vs Marco Aroyo**" (P.A. 16 ta` Dicembru 1949) li fiha wiehed isib insenjament interessanti dwar it-taghrifa ta` cessjoni ta` kreditu. Fl-imsemmija sentenza il-Qorti kienet tal-opinjoni illi m`hemmx ghalfejn li l-iskrittura ta` cessjoni nnifisha tigi notifikata izda hu bizzejjed li tigi notifikata s-sustanza tal-konvenzjoni. Fl-istess sentenza gie kwotat l-awtur Laurent li jghid "E inutile far conoscere al debitore e ai terzi le clausole del contratto, che interessano soltanto le parti contraenti. L`unica cosa che essi abbiano interesse di sapere e` il fatto della cessione del credito. Ecco tutto quanto che deve essere notificato al debitore. Cosi` la pensano tutti gli scrittori; e la giurisprudenza ha consacrato questa opinione."*

*Fil-kaz in ezami, jirrizulta minn dikjarazzjoni tal-istess kumpanija konvenuta li l-ftehim "gie f`idejhom tramite l-Avukat tal-Kumpanija Attrici waqt l-ahhar seduta mizmuma fil-Qorti."*

*B`hekk ma jirrizultax li d-debitur WCL gie notifikat bic-cessjoni permezz ta` att gudizzjarju.*

…

*Skont l-insenjament ta` Baudry Lacantinerie"(Trattato Teroico Pratico di Diritto Civile, Vol. XIX a fol 911) :*

*Prima della notificazione o dell`accettazione non solo il cedente puo` ricoverare dal ceduto un pagamento, o compensare con lui, o fare con lui una novazione ed estinguere cosi` il credito ceduto, ma anche puo` perseguirne la ricupera contro il ceduto. Questi non puo` opporre al suo procedimento una conclusione d`inammisibilita` tratta dall`esistenza d`una cessione di cui il cessionario non e` investito rispetto a lui.*

…

*L-istess awtur jghid ukoll li sakemm ma ssirx id-debita notifika tac-cessjoni, il-kreditur cedent jista` wkoll jaghmel l-atti konservattivi in kawtela tal-jeddijiet tieghu inkluz l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll iskrizzjonijiet ipotekarji.*

Sar appell.

Fid-decizjoni taghha tas-27 ta` Gunju 2014 il-Qorti tal-Appell hassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Qalet hekk :-

*Illi b`din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob hlas ghas-servizzi minnha rezi lis-socjeta` konvenuta skont ftehim tal-31 ta` Lulju, 1999. Is-socjeta` konvenuta eccepiet in-nuqqas ta` interess guridiku da parti tas-socjeta` attrici peress illi rrizultalha li ttrasferiet id-dritt minnha pretiz lil certu Frank Schmidt, u dan qabel il-ftuh ta` din il-kawza. Jirrizulta li dan Frank Schmidt huwa l-managing director u l-uniku beneficjarju tas-socjeta` attrici, u peress illi din kellha taghti xi flus lill-istess Schmidt, is-socjeta` attrici ftehmet li "transfers its entire demand for payment from World Wide Communications Ltd. to Mr. Frank Schmidt". Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-kliem tal-ftehim hu*

*car u wassal ghac-cessjoni tad-dritt ta` azzjoni taghha kontra s-socjeta` konvenuta favur Frank Schmidt.*

*L-ewwel Qorti qieset, pero`, li s-socjeta` attrici xorta wahda tista` tagixxi ghall-hlas, peress illi skont l-Artikolu 1472 tal-Kodici Civili, sakemm id-debitur ma jigix notifikat bic-cessjoni kif irid l-Artikolu 1471 tal-istess Kodici, id-debitur "ma jistax jecepixxi c-cessjoni kontra l-kreditur tieghu", u jekk ihallas id-dejn lil dan il-kreditur, jigi mehlus. F`dan il-kaz, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ma gietx notifikata formalment bic-cessjoni li saret bejn is-socjeta` attrici u Frank Schmidt.*

*Is-socjeta` konvenuta qed tilmenta minn din is-sentenza u tghid li darba "accettat" ic-cessjoni, fit-termini tal-Artikolu 1473 tal-Kodici Civili, ma kienx mehtieg li ssir notifika formali.*

*Fil-fehma ta` din il-Qorti, pero`, sa meta nghatat is-sentenza tal-ewwel Qorti ma kienx jirrizulta li s-socjeta` konvenuta accettat ic-cessjoni. L accettazzjoni, hu veru, tista` ssir bil-fomm u, kwindi, tista` tkun anke implicita, pero`, trid tirrizulta cara u inekwivoka. Il-fatt li meta s-socjeta` konvenuta saret taf bic-cessjoni talbet u inghatat id-dritt tressaq l-eccezzjoni ulterjuri issa in diskussjoni, ma jfissirx li hi accettat ic-cessjoni. Isegwi, allura, li bil-fatt biss li s-socjeta` konvenuta saret taf bic-cessjoni, ma jfissirx li accettat l-istess, u ma setghetx tecepixxi c-cessjoni kontra l-kreditur originali taghha. Is-sentenza tal-ewwel Qorti hi, allura, korretta.*

*Jirrizulta issa, pero`, li s-socjeta` konvenuta accettat li saret ic-cessjoni, u bis-sahha tad-duttrina ta` ius superveniens tista` allura tapprofitta ruhha mill-Artikolu 1473 imsemmi u teccepixxi n-nuqqas ta` interess guridiku li s-socjeta` attrici tkompli bil-kawza. Is-socjeta` konvenuta tista` validament, u fi kwalunkwe stadju, taccetta c-cessjoni, peress illi hi qatt ma attakkat il-validita` jew opponiet ghac-cessjoni. Kif saret taf biha qajmet mill-ewwel l-eccezzjoni ta` nuqqas ta` interess guridiku, li ma hijiex "oppozizzjoni" ghac-cessjoni.*

*Kif inhu risaput l-interess guridiku tal-attur fil-kawza irid jipperdura tul is-smiegh kollu tal-istess, almenu sad-data li fiha l-kawza tigi differita ghas-sentenza.*

*Darba, ghalhekk, issa jirrizulta li s-socjeta` attrici ma ghadx ghandha interess fil-materja, ma tistax tkompli bil-kawza. Is-socjeta` attrici qed tghid li l-ftehim li ghamlet ma` Frank Schmidt ma kienx jammonta ghal cessjoni ta` kreditu. L-ewwel Qorti, pero`, iddecidiet li bis-sahha ta` dak il-ftehim is-socjeta` attrici "cediet" id-dritt ta` azzjoni u l-kreditu taghha kontra Worldwide Communications Ltd., u kontra din id-decizjoni ma tressaq ebda appell mis-socjeta` attrici. Dik id-decizjoni, allura, torbot lill-partijiet u lil din il-Qorti.*

*Isegwi li darba saret cessjoni tad-dritt tal-azzjoni u tal-kreditu, is-socjeta` attrici ma ghadx ghandha interess fil-prosegwiment tal-kawza.*

[ara wkoll : 17 ta` Frar 2012 : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri : **Tal-General Co Ltd vs Gatt Construction Ltd** u l-gurisprudenza hemm citata ; 12 ta` Gunju 2007 : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri : **Anton Buttigieg vs Joseph Fenech et** ; 27 ta` Gunju 2017 : PA/JZM : **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. vs More Supermarkets (Hamrun) Limited et** : appellata]

Din il-Qorti tqis illi c-cessjonarja li allegatament akkwistat il-kreditu kienet l-attrici mentri d-debitrici kienet il-konvenuta. Ic-cedenti li bieghet il-kreditu kienet ArcelorMittal Sourcing SCA. Kien jinkombi fuq l-attrici illi tgharraf lid-debitrici b`att gudizzjajru bic-cessjoni li saret a favur taghha minn ArcelorMittal Sourcing SCA.

Din il-Qorti tqis li, ghalkemm ma giet ipprezentata l-ebda prova li saret notifika lill-allegat debitur permezz ta` att gudizzjarju qabel saret il-kawza, hija sodisfatta fl-isfond tal-gurisprudenza fuq riferita illi n-notifika ta` r-rikors guramentat odjern isservi bhala denunzja tac-cessjoni. B`hekk id-debitur kien notifikat bic-cessjoni bin-notifika tar-rikors guramentat.

Mhijiex kondiviza l-fehma tal-konvenuta illi l-attrici ghadha mhijiex fil-pussess tal-kreditu vantat minnha u ghalhekk ma ghandhiex l-interess guridiku rikjest mil-ligi. Bin-notifika tal-kawza lid-debitrici kien hemm il-konferma tal-interess guridiku.

**L-eccezzjoni hija <u>michuda</u> wkoll.**

## VIII. <u>Il-hames (5) eccezzjoni preliminari</u>

Kien eccepit illi :

> *…. l-kumpannija attrici m`ghandhiex l-interess guridiku rikjest mill-ligi sabiex tressaq it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat promutorju taghha, billi, fost ohrajn, kwalsiasi obbligu ta` hlas li seta` qatt allegatament kellha l-kumpannija esponenti dwar il-kreditu pretiz fl-istess talbiet attrici, gja` gie assenjat lill-kumpannija attrici stess permezz ta` ftehim, ossija Cession and Assignment Agreement tad-9 t`Awwissu 2009 - gja` esebit bhala DOK: KDK2 man-nota tal-kumpannja esponenti tal-10 ta` Marzu 2014 - li gie ffirmat bejn il-kontendenti, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex tichad l-istess talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici.*

Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawza **<u>Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta</u>**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

> *Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l- interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 talKapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Manche` vs Montebello</u>** (Kollez. Vol: XXXVII.i.56),*

*b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri vs Sammut** (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd talazzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet **Cortis vs Bonello** (Kollez. Vol: XXXI.i.218) ;*

*Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss filbidu taghha, ghaliex jekk dan linteress jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet **Sammut et noe vs Attard** (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Caruana** (Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhuxmehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Ignazio Gatt vs Michael Debono et**).Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet **Axiaq vs Mizzi noe et** (Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet **Scolaro vs Bailey** (Kollez. Vol: XXVII.ii.195)*

(ara wkoll : il-gurisprudenza citata fil-kawza : PA : 17 ta` Mejju 2011 : **MrBookmaker.com Ltd. vs Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera** ; PA : 18 ta` Jannar 2001 : **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** ; Appell : **Muscat vs**

**Buttigieg et** : 27 ta` Marzu 1990 : Kollez Vol LXXIV.iii.481 ; PA : 2 ta` Mejju 2002 : **George Laferla et vs Joseph Lauri et** ; PA : 26 ta` April 2012 : **Nichelas de Giorgio vs. Vincent Paul Savona et)**

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li skont is-*cession and assignment agreement* tad-9 ta` Awissu 2009 (fol 106 sa 111), KDK ittrasferiet in-negozju taghha b`effett mill-1 ta` Lulju 2009 lill-attrici flimkien ma` kwalunkwe dejn li talvolta seta` kien dovut minn KDK.

Jinghad testwalment :

> *SLTD hereby cedes and assign to SFZCO with effect from 1 July 2009 all its rights, title and interest in and to the Agreement and its duties and obligations in full without recourse arising from the Agreement.*

Fuq il-kuntratt, KDK kienet indikata bhala SLTD filwaqt li s-socjeta` rikorrenti kienet indikata bhala SFZCO.

Irrizulta wkoll li l-*credit note* kienet tirrigwarda *rebate* ghal zmien fiskali ta` bejn Lulju 2008 u Gunju 2009, ossija obbligu li KDK kellha ma` ArcelorMittal Sourcing SCA qabel l-1 ta` Lulju 2009.

Ghalhekk ai termini ta` s-*cession and assignment agreement,* dan l-obbligu ta` KDK ghall-hlas kien assenjat lis-socjeta` rikorrenti.

Waqt li tirreferi ghall-**Art 1002 tal-Kap 16**, il-Qorti tirrileva li ma hemmx lok ghal interpretazzjoni fil-kaz illi ftehim ikun car (ara : Appell Inferjuri : 28 ta` Gunju 2011 : **Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Company Limited** ; Appell Inferjuri : 15 ta` Dicembru 1995 : **Stanislao Cassar et vs Chevalier Antonio Cassar** : Kollez Vol XXIX.II.704) ; Appell : 18 ta` Novembru 1957 : **Arthur Stuart Mortimer noe vs Onor. Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier et noe)**

Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, il-Qorti tghid id-dicitura tas-*cession and assignment agreement* huwa car u ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni.

Il-Qorti tosserva li s-*cession and assignment agreement* mhux iffirmat mill-partijiet kollha li dehru fuqu. L-attrici taghmel dan il-punt fil-pag 16 tan-nota ta` osservazzjonijiet taghha. Il-ftehim ma kienx iffirmat minn ArcelorMittal Sourcing SCA li skont l-istess ftehim kellha taghti l-kunsens taghha ghall-assenjazzjoni.

Il-Qorti mhijiex sejra tidhol ghal analizi ta` jekk il-ftehim huwiex validu nkella le. Sal-lum ma rrizultax li ttiehdu azzjonijiet legali ghall-impunjazzjoni tal-ftehim

Il-kawza tal-lum hija dwar kanonizzazzjoni ta` kreditu u ghalhekk il-Qorti sejra tibqa` fil-parametri tat-talbiet.

Mhijiex sejra tittratta l-validita` o meno tal-ftehim ladarba ma hemmx talba dwar dan.

Ladarba l-ftehim huwa validu, bl-applikazzjoni tal-istess, jirrizulta li l-kumpannija rikorrenti assumiet ir-responsabbilita` ghal kwalunkwe obbligi li seta` kellha KDK, inkluz il-mertu ta` l-*credit note* de qua.

Jirrizulta li l-attrici saret debitur u kreditur peress li kwalsiasi debiti li seta` kellha KDK gew assenjati lill-attrici.

Il-konsegwenza ta` dan hija li l-attrici m`ghandhiex l-interess guridiku biex tressaq il-kawza, ghaliex bis-sahha tal-ftehim, id-dejn a favur ta` ArcelorMittal Sourcing SCA kien assenjat lill-istess rikorrenti.

**Ghalhekk qeghda <u>tilqa</u>` l-hames eccezzjoni.**

## IX. <u>Is-sitt (6) eccezzjoni preliminari</u>

Kien eccepit illi :-

> *… it-talbiet attrici huma tardivi, u konsegwentement jimmeritaw illi jigu michudha, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, billi skond ftehim milhuq bejn il-kontendenti, ossija Business*

*Sale Agreement tal-20 ta` Lulju 2009, il-kumpannija esponenti, bhala l-venditrici fuq l-istess ftehim, ma kellhiex tibqa` responsabbli ghal kwalsiasi pretensjoni eventwali tal-kumpannija attrici, bhala l-kumpratrici fuq l-istess ftehim, wara d-dekors ta` sentejn mill-iffirmar tal-istess ftehim, jekk kemm il-darba l-istess kumpannija esponenti ma tkunx inghatat, mill-kumpannija attrici, avviz bil-miktub dwar tali pretensjoni, liema avviz, f`dan il-kaz, ma inghatax f`dan it-terminu hekk stabbilit mill-kontendenti. »*

Il-klawsola 7 tal-*Business Sale Agreement* datat 20 ta` Lulju 2009 tghid :-

*7. <u>Warranties</u>*

*7.1 The Buyer enters into this agreement on the basis of, and in reliance on, the Warranties.*

*7.2 The Seller warrants and represents to the Buyer that each of the Warranties is true, accurate and not misleading.*

*7.3 Each of the Warranties is separate, and unless expressly provided to the contrary, is not limited by reference to any other Warranty or anything in this agreement.*

*7.4 Without restricting the rights of the Buyer or its ability to claim damages on any basis, in the event that any of the Warranties is breached or is misleading the Seller covenants to pay on demand to the Buyer or, at the Buyer`s discretion, an amount equal to :*

*(a) the amounts by which the value of the Business and Assets are deduced ;*

*(b) the amount equal to all costs and expenses incurred directly or indirectly in good faith by the Buyer.*

*In each case as a result of any of the Warranties being breached or being misleading and without*

> *entitling the Buyer from recovering more than once in respect of the same matter.*
>
> *7.5 The Seller shall not be liable in respect of any claim (defined as a claim under the Warranties) unless written notice of such claim is given by the Buyer by no later than 2 (two) years from the Completion Date.*

Il-kelma *claim* hija definita fl-istess ftehim bhala talba taht il-*warranties* mentri *warranties* hija definita bhala *warranties, representations set out in Clause 7 and Schedule 3 of the Business Sale agreement.*

Imbaghad fi *Schedule 3 of the Business Sale Agreement,* hemm imnizzla l-*warranties* relatati ma` *information supplied, capacity of the seller, records, the contracts, employees, statutory restrictions, litigation*, *insolvency of seller* u *compliance.*

Il-Qorti tqis li t-talba in kwistjoni ma ghandhiex x`taqsam mal-*warranties* li ghalihom issir referenza fil-klawsola 7.

Il-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti ma tirrigwardax materja li taqa` fl-ambitu tal-klawsola 7 tal-*business sale agreement.*

Il-vertenza tikkoncerna *credit note* partikolari li giet assenjata a favur tas-socjeta` rikorrenti. Din ma kinitx kwistjoni li kienet tifforma parti mill-*business sale agreement* u hija kwistjoni indipendenti li qamet wara li l-istess socjeta` rikorrenti dahlet fi ftehim ma` ArcelorMittal Sourcing SCA u cioe` *Deed of Assignment and Settlement.*

Dak li hemm fil-klawsola 7.5 tal-*business sale agreement* mhux applikabbli ghall-kwistjoni mertu ta` din il-kawza.

**L-eccezzjoni hija <u>michuda</u>**.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) eccezzjoni preliminari stante li din kienet ritirata fil-mori tal-kawza.**

**Tichad it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba` (4) u s-sitt (6) eccezzjonijiet preliminari.**

**Tilqa` l-hames (5) eccezzjoni preliminari.**

**Tichad it-talba attrici.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**